Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2016/0224(COD)

26.6.2017

EMENDI
761 - 1117

Abbozz ta' rapport
Laura Ferrara
(PE597.506v01-00)

Proċedura komuni għal protezzjoni internazzjonali fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2016)0467 – C8-0321/2016 – 2016/0224(COD))

Emenda 761
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura tal-appell tista' tkun eskluża fejn:	***imħassar***
(a) l-applikant ikollu riżorsi suffiċjenti;	
(b) l-appell jitqies li ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess;	
(c) l-appell jew ir-reviżjoni hija fit-tieni livell ta' appell jew ogħla kif previst fil-liġi nazzjonali, inkluż smigħ mill-ġdid jew reviżjonijiet tal-appell.	

Or. en

Emenda 762
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura tal-appell ***tista'*** tkun eskluża fejn:	L-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fil-proċedura tal-appell ***għandha*** tkun eskluża fejn:

Or. en

Emenda 763
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appell jitqies li ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess;	***imħassar***

Or. en

Emenda 764
Péter Niedermüller, Kati Piri, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appell jitqies li ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa konformi mal-pożizzjoni tal-Parlament adottata fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 765
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appell jitqies li ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni jkollha r-riskju li tiġi interpretata b'mod wiesa' wisq mill-awtoritajiet u jenħtieġ li titħassar.

Emenda 766
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-appell ***jitqies*** li ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess;	(b) l-appell ***huwa b'mod tant ċar mingħajr sustanza jew abbużiv*** li ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess ***u jiġi ppreżentat biss biex idewwem l-infurzar ta' deċiżjoni li tirriżulta fit-tneħħija tiegħu jew tagħha mit-territorju ta' Stat Membru***;

Or. en

Emenda 767
Péter Niedermüller, Kati Piri, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-appell jew ir-reviżjoni hija fit-tieni livell ta' appell jew ogħla kif previst fil-liġi nazzjonali, inkluż smigħ mill-ġdid jew reviżjonijiet tal-appell.	(c) l-appell jew ir-reviżjoni hija fit-tieni livell ta' appell jew ogħla kif previst fil-liġi nazzjonali, inkluż smigħ mill-ġdid jew reviżjonijiet tal-appell***, u dak it-tieni livell tal-appell jitqies li ma għandu ebda prospettiva tanġibbli ta' suċċess***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa konformi mal-pożizzjoni tal-Parlament adottata fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 768
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas minn awtorità li mhix qorti jew tribunal minħabba li jkun meqjus li l-appell ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess, l-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni, u għal dak il-għan hu se jkun intitolat li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas.	***imħassar***

Or. en

Emenda 769
Péter Niedermüller, Kati Piri, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas minn awtorità li mhix qorti jew tribunal minħabba li jkun meqjus li l-appell ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess, l-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni, u għal dak il-għan hu se jkun intitolat li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas.	Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas minn awtorità li mhix qorti jew tribunal minħabba li jkun meqjus li l-appell ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess, l-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni, u għal dak il-għan hu se jkun intitolat li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas. ***Fl-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali ma jiġux ristretti b'mod arbitrarju u li l-aċċess effettiv tal-applikant għall-ġustizzja ma jiġix ostakolat.***

Or. en

Emenda 770
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas minn awtorità li mhix qorti jew tribunal minħabba li jkun meqjus li l-appell ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess, l-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni***, u għal dak il-għan hu se jkun intitolat li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas***.	Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas minn awtorità li mhix qorti jew tribunal minħabba li jkun meqjus li l-appell ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess, l-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 771
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas minn awtorità li mhix qorti jew tribunal ***minħabba li jkun meqjus li l-appell ma għandux prospett tanġibbli ta' suċċess***, l-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni, u għal dak il-għan hu se jkun intitolat li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas.	Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas minn awtorità li mhix qorti jew tribunal, l-applikant għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal kontra dik id-deċiżjoni, u għal dak il-għan hu se jkun intitolat li jitlob assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas.

Or. en

Emenda 772
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Konsulent legali ***jew konsulent ieħor,*** li jkun ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, li jgħin jew jirrappreżenta applikant skont it-termini tal-liġi nazzjonali, għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni li tinsab fil-fajl tal-applikant li fuq il-bażi tiegħu jkun hemm jew tkun se tittieħed deċiżjoni.	1. Konsulent legali li jkun ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, li jgħin jew jirrappreżenta applikant skont it-termini tal-liġi nazzjonali, għandu jingħata aċċess għall-informazzjoni li tinsab fil-fajl tal-applikant li fuq il-bażi tiegħu jkun hemm jew tkun se tittieħed deċiżjoni.

Or. en

Emenda 773
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti tista' tiċħad l-aċċess għall-informazzjoni fil-fajl tal-applikant fejn l-iżvelar ta' informazzjoni jew ta' sorsi jkun ta' ħsara għas-sigurtà nazzjonali, għas-sigurtà tal-organizzazzjonijiet jew tal-persuni li jipprovdu l-informazzjoni jew għas-sigurtà tal-persuni li għalihom tirriferi l-informazzjoni jew fejn l-interessi investigattivi dwar l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri jkunu kompromessi. F'dawk il-każijiet, l-awtorità determinanti għandha:	***imħassar***
(a) tagħmel l-aċċess għal tali informazzjoni jew għas-sorsi disponibbli għall-qrati jew it-tribunali fil-	

proċedura;tal-appell; u

(b) tiżgura li d-dritt għal difiża tal-applikant jiġi rrispettat.

Or. en

Emenda 774
Péter Niedermüller, Kati Piri, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti tista' tiċħad l-aċċess għall-informazzjoni fil-fajl tal-applikant fejn l-iżvelar ta' informazzjoni jew ta' sorsi jkun ta' ħsara għas-sigurtà nazzjonali, għas-sigurtà tal-organizzazzjonijiet jew tal-persuni li jipprovdu l-informazzjoni jew għas-sigurtà tal-persuni li għalihom tirriferi l-informazzjoni ***jew fejn l-interessi investigattivi dwar l-eżami tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew ir-relazzjonijiet internazzjonali tal-Istati Membri jkunu kompromessi***. F'dawk il-każijiet, l-awtorità determinanti għandha:	L-awtorità determinanti tista' tiċħad l-aċċess għall-informazzjoni fil-fajl tal-applikant fejn l-iżvelar ta' informazzjoni jew ta' sorsi jkun ta' ħsara għas-sigurtà nazzjonali, għas-sigurtà tal-organizzazzjonijiet jew tal-persuni li jipprovdu l-informazzjoni jew għas-sigurtà tal-persuni li għalihom tirriferi l-informazzjoni. F'dawk il-każijiet, l-awtorità determinanti għandha:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Billi huwa imperattiv li l-konsulent legali tal-applikant ikollu aċċess għall-fajl tal-applikant sabiex jagħti pariri xierqa dwar l-applikazzjoni, kwalunkwe deroga mill-aċċess għal dak il-fajl trid tkun limitata ħafna. It-test imħassar huwa wiesa' u vag wisq, u jippermetti esklużjoni ġenerali tal-aċċess għall-fajl.

Emenda 775
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-punt(b), l-awtorità determinanti ***għandha***, b'mod partikolari, tagħti aċċess għall-informazzjoni jew is-sorsi għal konsulent legali jew konsulent ieħor li tkun saritlu verifika tas-sigurtà, sa fejn l-informazzjoni hi rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni jew it-teħid ta' deċiżjoni li tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali	Fir-rigward tal-punt(b), l-awtorità determinanti ***tista'***, b'mod partikolari, tagħti aċċess għall-informazzjoni jew is-sorsi għal konsulent legali jew konsulent ieħor li tkun saritlu verifika tas-sigurtà, sa fejn l-informazzjoni hi rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni jew it-teħid ta' deċiżjoni li tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali

Or. en

Emenda 776
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fir-rigward tal-punt(b), l-awtorità determinanti għandha, b'mod partikolari, tagħti aċċess għall-informazzjoni jew is-sorsi għal konsulent legali ***jew konsulent ieħor*** li tkun saritlu verifika tas-sigurtà, sa fejn l-informazzjoni hi rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni jew it-teħid ta' deċiżjoni li tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali	Fir-rigward tal-punt(b), l-awtorità determinanti għandha, b'mod partikolari, tagħti aċċess għall-informazzjoni jew is-sorsi għal konsulent legali li tkun saritlu verifika tas-sigurtà, sa fejn l-informazzjoni hi rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni jew it-teħid ta' deċiżjoni li tiġi rtirata l-protezzjoni internazzjonali

Or. en

Emenda 777
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-konsulent*** legali ***jew konsulent***	3. ***Ir-rappreżentant*** legali li jassisti

ieħor li jassisti jew jirrappreżenta applikant għandu jkollu aċċess għal postijiet magħluqa, bħal faċilitajiet ta' detenzjoni u żoni ta' tranżitu, sabiex jikkonsulta ma' dak l-applikant f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

jew jirrappreżenta applikant għandu jkollu aċċess għal postijiet magħluqa, bħal faċilitajiet ta' detenzjoni u żoni ta' tranżitu, sabiex jikkonsulta ma' dak l-applikant f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Or. hu

Emenda 778
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-konsulent legali ***jew konsulent ieħor*** li jassisti jew jirrappreżenta applikant ***għandu*** jkollu aċċess għal postijiet magħluqa, bħal faċilitajiet ta' detenzjoni u żoni ta' tranżitu, sabiex jikkonsulta ma' dak l-applikant f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).	3. Il-konsulent legali li jassisti jew jirrappreżenta applikant ***jista'*** jkollu aċċess għal postijiet magħluqa, bħal faċilitajiet ta' detenzjoni u żoni ta' tranżitu, sabiex jikkonsulta ma' dak l-applikant f'konformità mad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza).

Or. en

Emenda 779
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Applikant għandu jingħata l-permess li jġib miegħu għall-intervista personali konsulent legali ***jew konsulent ieħor,*** ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali. ***Il-konsulent legali jew konsulent ieħor għandu jkun awtorizzat li jintervjeni matul l-intervista personali.***	4. Applikant għandu jingħata l-permess li jġib miegħu għall-intervista personali konsulent legali ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali.

Or. en

Emenda 780
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-awtorità determinanti tista' teżiġi l-preżenza tal-applikant fl-intervista personali anke jekk huwa jkun rappreżentat skont it-termini il-liġi nazzjonali minn konsulent legali ***jew konsulent ieħor***, u tista' teżiġi li l-applikant jirrispondi personalment għall-mistoqsijiet li jsiru.	5. L-awtorità determinanti tista' teżiġi l-preżenza tal-applikant fl-intervista personali anke jekk huwa jkun rappreżentat skont it-termini il-liġi nazzjonali minn konsulent legali, u tista' teżiġi li l-applikant jirrispondi personalment għall-mistoqsijiet li jsiru.

Or. en

Emenda 781
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(5), l-assenza ta' konsulent legali jew konsulent ieħor ma għandhiex timpedixxi lill-awtorità determinanti milli tintervista personalment lill-applikant.	6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(5), l-assenza ta' konsulent legali jew konsulent ieħor ma għandhiex timpedixxi lill-awtorità determinanti milli tintervista personalment lill-applikant***, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar id-dritt tiegħu jew tagħha għall-assistenza u rappreżentanza legali – inkluża assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fejn xieraq – u jkun għażel li ma jeżerċitax dak id-dritt***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-intervista personali jenħtieġ li normalment titwettaq fil-preżenza tal-konsulent legali. Jekk tkun se ssir mingħajr il-konsulent legali, l-applikant jeħtieġlu jiġi infurmat b'mod ċar minn qabel dwar id-dritt tiegħu għal assistenza u rappreżentanza legali.

Emenda 782
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. ***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(5),*** l-assenza ta' konsulent legali jew konsulent ieħor ***ma għandhiex*** timpedixxi lill-awtorità determinanti milli tintervista personalment lill-applikant.	6. L-assenza ta' konsulent legali jew konsulent ieħor ***għandha*** timpedixxi lill-awtorità determinanti milli tintervista personalment lill-applikant***, sakemm l-applikant ma jiġix infurmat bid-dritt tiegħu jew tagħha li jirċievi konsulenza legali u jirrifjutah***.

Or. en

Emenda 783
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(5), l-assenza ta' konsulent legali ***jew konsulent ieħor*** ma għandhiex timpedixxi lill-awtorità determinanti milli tintervista personalment lill-applikant.	6. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 22(5), l-assenza ta' konsulent legali ma għandhiex timpedixxi lill-awtorità determinanti milli tintervista personalment lill-applikant.

Or. en

Emenda 784
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandha tingħata minn konsulenti legali ***jew konsulenti oħra*** permessi skont il-liġi nazzjonali li jassistu jew jirrapreżentaw lill-applikanti ***jew organizzazzjonijiet mhux governattivi akkreditati skont il-liġi nazzjonali biex jipprovdu servizzi ta' konsulenza jew rappreżentanza***.	1. Assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas għandha tingħata minn konsulenti legali permessi skont il-liġi nazzjonali li jassistu jew jirrapreżentaw lill-applikanti.

Or. en

Emenda 785
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli proċedurali speċifiċi li jikkonċernaw il-modalitajiet għall-mili u l-ipproċessar ta' talbiet għall-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, jew għandhom japplikaw ir-regoli eżistenti għal talbiet domestiċi ta' natura simili, sakemm dawk ir-regoli ma jagħmlux l-aċċess għall-assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas impossibbli jew eċċessivament diffiċli.	2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli proċedurali speċifiċi li jikkonċernaw il-modalitajiet għall-mili u l-ipproċessar ta' talbiet għall-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali, jew għandhom japplikaw ir-regoli eżistenti għal talbiet domestiċi ta' natura simili, sakemm dawk ir-regoli ma jagħmlux l-aċċess għall-assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas impossibbli jew eċċessivament diffiċli. ***L-applikant għandu dejjem jiġi infurmat dwar dawn ir-regoli.***

Or. en

Emenda 786
Ska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli proċedurali speċifiċi li jikkonċernaw il-modalitajiet għall-mili u l-ipproċessar ta' talbiet għall-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali***, jew għandhom japplikaw ir-regoli*** eżistenti għal talbiet domestiċi ta' natura simili, sakemm dawk ir-regoli ma jagħmlux l-aċċess għall-assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas impossibbli jew eċċessivament diffiċli.	2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli proċedurali speċifiċi li jikkonċernaw il-modalitajiet għall-mili u l-ipproċessar ta' talbiet għall-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fir-rigward ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ***li m'għandhomx ikunu aktar restrittivi mir-regoli*** eżistenti għal talbiet domestiċi ta' natura simili, sakemm dawk ir-regoli ma jagħmlux l-aċċess għall-assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

Or. en

Emenda 787
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jimponu wkoll limiti monetarji jew limiti ta' żmien fuq l-għoti ta' assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas, sakemm limiti bħal dawn ma jillimitawx b'mod arbitrarju l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas; Fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħra, it-trattament tal-applikanti ma għandux ikun anqas favorevoli mit-trattament ġenerali mogħti liċ-ċittadini tagħhom f'materji li jikkonċernaw l-assistenza legali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 788
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***jistgħu*** jimponu wkoll limiti monetarji ***jew*** limiti ta' żmien fuq l-għoti ta' assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas***, sakemm limiti bħal dawn ma jillimitawx b'mod arbitrarju l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas;*** Fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħra, it-trattament tal-applikanti ma għandux ikun ***anqas*** favorevoli mit-trattament ġenerali mogħti liċ-ċittadini tagħhom f'materji li jikkonċernaw l-assistenza legali;	3. L-Istati Membri ***għandhom*** jimponu wkoll limiti monetarji ***u*** limiti ta' żmien fuq l-għoti ta' assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas**.** Fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħra, it-trattament tal-applikanti ma għandux ikun ***aktar*** favorevoli mit-trattament ġenerali mogħti liċ-ċittadini tagħhom f'materji li jikkonċernaw l-assistenza legali;

Or. en

Emenda 789
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jimponu wkoll limiti monetarji jew limiti ta' żmien fuq l-għoti ta' assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas, sakemm limiti bħal dawn ma jillimitawx ***b'mod arbitrarju*** l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas; Fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħra, it-trattament tal-applikanti ma għandux ikun anqas favorevoli mit-trattament ġenerali mogħti liċ-ċittadini tagħhom f'materji li jikkonċernaw l-	3. L-Istati Membri jistgħu jimponu wkoll limiti monetarji jew limiti ta' żmien fuq l-għoti ta' assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas, sakemm limiti bħal dawn ma ***jkunux arbitrarji u ma*** jillimitawx ***bla bżonn*** l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas; Fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħra, it-trattament tal-applikanti ma għandux ikun anqas favorevoli mit-trattament ġenerali mogħti liċ-ċittadini tagħhom f'materji li jikkonċernaw l-

assistenza legali;	assistenza legali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dispożizzjoni proposta mill-Kummissjoni kienet tippermetti lill-Istati Membri jippromulgaw kwalunkwe limitu għall-għoti ta' assistenza legali mingħajr ħlas sakemm dawn il-limitazzjonijiet ma kinux arbitrarji, għalhekk jenħtieġ li jiġi ċċarat li kwalunkwe restrizzjoni jenħtieġ li ma tillimitax bla bżonn l-aċċess għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas.

Emenda 790
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun tjiebet konsiderevolment jew jekk id-deċiżjoni biex isiru tali spejjeż tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.	***imħassar***

Or. en

Emenda 791
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk ***u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun tjiebet konsiderevolment jew jekk*** id-deċiżjoni biex isiru tali spejjeż tkun ittieħdet abbażi	4. ***B'rispett dovut għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14*** l-Istati Membri jistgħu ***jtemmu l-għoti ta' assistenza legali mingħajr ħlas skont l-Artikolu 15(3)b u 15(5)b jekk u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun***

ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.	***tjiebet konsiderevolment. L-Istati Membri jistgħu*** jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk id-deċiżjoni biex isiru tali spejjeż tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant ***jekk ikun jista' jiġi stabbilit li l-applikant għandu riżorsi suffiċjenti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma jkunx jidher xieraq li b'mod retroattiv jintalab rimborż tal-ispejjeż għall-assistenza legali li l-Istati Membri jkunu qablu li jkopru, imma jenħtieġ li tkun kapaċi twaqqaf l-għoti tal-assistenza legali mingħajr ħlas jekk is-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant titjieb b'mod sinifikanti. Jekk applikant b'riżorsi suffiċjenti jkun irċieva għajnuna legali mingħajr ħlas abbażi ta' talbiet foloz jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istat Membru li jitlob rimborż tal-ispejjeż mingħand l-applikant.

Emenda 792
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant ***tkun tjiebet konsiderevolment*** jew jekk id-deċiżjoni biex isiru tali spejjeż tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.	4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant ***titjieb b'tali mod li huwa*** jew ***hija issa jkollu biżżejjed riżorsi finanzjarji jew*** jekk id-deċiżjoni biex isiru tali spejjeż tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.

Or. en

Emenda 793
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk ***u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun tjiebet konsiderevolment jew jekk*** id-deċiżjoni biex isiru tali spejjeż tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.	4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk id-deċiżjoni biex isiru tali spejjeż tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.

Or. en

Emenda 794
Péter Niedermüller, Kati Piri, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali ***għal*** kwalunkwe spiża ***mħallsa*** jekk ***u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun tjiebet konsiderevolment jew jekk*** id-deċiżjoni biex ***isiru tali spejjeż*** tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.	4. L-Istati Membri jistgħu jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali ***ta'*** kwalunkwe spiża ***mġarrba*** jekk id-deċiżjoni biex ***tingħata assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas*** tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan huwa konformi mat-test adottat mill-Parlament fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza. L-applikant jenħtieġ li jkun mitlub jirrimborża l-ispejjeż tal-assistenza legali mingħajr ħlas biss meta aktar tard ikun jidher biċ-ċar li l-assistenza legali mingħajr ħlas ingħatat abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.

Emenda 795
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri ***jistgħu*** jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun tjiebet konsiderevolment jew jekk id-deċiżjoni biex isiru tali spejjeż tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.	4. L-Istati Membri ***għandhom*** jitolbu rimborż sħiħ jew parzjali għal kwalunkwe spiża mħallsa jekk u meta s-sitwazzjoni finanzjarja tal-applikant tkun tjiebet konsiderevolment jew jekk id-deċiżjoni biex isiru tali spejjeż tkun ittieħdet abbażi ta' informazzjoni falza mogħtija mill-applikant.

Or. en

Emenda 796
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Ir-rwol tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati	
1. L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati:	
(a) ikollu aċċess għall-applikanti, inklużi dawk miżmuma f'ċentri tal-akkoljenza, f'detenzjoni, fil-fruntiera u fiż-żoni ta' tranżitu;	
(b) ikollu aċċess għal informazzjoni dwar applikazzjonijiet individwali għall-protezzjoni internazzjonali, dwar kif tkun għaddejja l-proċedura u dwar id-deċiżjonijiet meħuda, sakemm l-applikant jaqbel ma' dan;	
(c) jippreżenta l-fehmiet tiegħu, fl-eżerċitar tar-responsabbiltajiet superviżorji tiegħu skont l-Artikolu 35 tal-	

Konvenzjoni ta' Ġinevra, lil kull awtorità kompetenti dwar applikazzjonijiet individwali għall- protezzjoni internazzjonali f'kull stadju tal-proċedura.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għal organizzazzjoni li taħdem fit-territorju tal-Istat Membru konċernat f'isem il-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati skont ftehim ma' dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 797
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rwol tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati	Ir-rwol tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati ***u l-NGOs rilevanti***

Or. en

Emenda 798
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati:	1. L-Istati Membri għandhom jippermettu li l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati ***u l-NGOs rilevanti***:

Or. en

Emenda 799
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri ***għandhom*** jippermettu li l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati:	1. L-Istati Membri ***jistgħu*** jippermettu li l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati:

Or. en

Emenda 800
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikollu aċċess għal informazzjoni dwar applikazzjonijiet individwali għall-protezzjoni internazzjonali, dwar kif tkun għaddejja l-proċedura u dwar id-deċiżjonijiet meħuda, sakemm l-applikant jaqbel ma' dan;	(b) ikollu aċċess għal informazzjoni dwar applikazzjonijiet individwali għall-protezzjoni internazzjonali, dwar kif tkun għaddejja l-proċedura ***kollha*** u dwar id-deċiżjonijiet meħuda, sakemm l-applikant jaqbel ma' dan;

Or. en

Emenda 801
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għal organizzazzjoni li taħdem fit-territorju tal-Istat Membru konċernat f'isem il-Kummissarju Għoli tan-	***imħassar***

Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati skont ftehim ma' dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 802
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Kapitolu 2 – taqsima 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Garanziji ***speċjali***	Garanziji ***speċifiċi***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 803
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċjali***	Applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċifiċi***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 804
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tivvaluta sistematikament jekk applikant individwali għandux bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali. Dik il-valutazzjoni tista' tiġi integrata f'proċeduri nazzjonali eżistenti jew fil-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) u ma għandhiex tieħu s-sura ta' proċedura amministrattiva.	L-awtorità determinanti għandha tivvaluta sistematikament ***u kemm jista' jkun kmieni possibbli wara li tkun saret l-applikazzjoni*** jekk applikant individwali għandux bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali. Dik il-valutazzjoni tista' tiġi integrata f'proċeduri nazzjonali eżistenti jew fil-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) u ma għandhiex tieħu s-sura ta' proċedura amministrattiva.

Or. en

Emenda 805
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Kati Piri, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tivvaluta sistematikament jekk applikant individwali għandux bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali. Dik il-valutazzjoni ***tista'*** tiġi integrata f'proċeduri nazzjonali eżistenti jew fil-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) ***u ma għandhiex tieħu s-sura ta' proċedura amministrattiva.***	L-awtorità determinanti għandha tivvaluta sistematikament ***u individwalment*** jekk applikant individwali għandux bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali ***bl-għajnuna ta' interpretu kwalifikat fejn meħtieġ***. Dik il-valutazzjoni ***għandha*** tiġi integrata f'proċeduri nazzjonali eżistenti jew fil-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza)

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem huwa allinjat mat-test adottat fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza dwar ħtiġijiet ta' akkoljenza speċifiċi, għaliex dak it-test jitlob li ż-żewġ valutazzjonijiet ikunu integrati.

Emenda 806
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tivvaluta sistematikament jekk applikant individwali għandux bżonn ta' garanziji proċedurali ***speċjali***. Dik il-valutazzjoni tista' tiġi integrata f'proċeduri nazzjonali eżistenti jew fil-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) u ma għandhiex tieħu s-sura ta' proċedura amministrattiva.	L-awtorità determinanti għandha tivvaluta sistematikament jekk applikant individwali għandux bżonn ta' garanziji proċedurali ***speċifiċi***. Dik il-valutazzjoni tista' tiġi integrata f'proċeduri nazzjonali eżistenti jew fil-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) u ma għandhiex tieħu s-sura ta' proċedura amministrattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 807
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni, l-awtorità determinanti għandha tirrispetta l-prinċipji ġenerali għall-valutazzjoni ta' bżonnijiet proċedurali ***speċjali*** stabbiliti fl-Artikolu 20.	Għall-finijiet ta' dik il-valutazzjoni, l-awtorità determinanti għandha tirrispetta l-prinċipji ġenerali għall-valutazzjoni ta' bżonnijiet proċedurali ***speċifiċi*** stabbiliti fl-Artikolu 20.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 808
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn l-applikanti jkunu ġew identifikati bħala applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali, dawn għandhom jingħataw appoġġ adegwat sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet u jkunu konformi mal-obbligi ta' ***dan ir-Regolament*** matul il-proċedura kollha għall-protezzjoni internazzjonali.	2. Fejn l-applikanti jkunu ġew identifikati bħala applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali, dawn għandhom jingħataw appoġġ adegwat sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet u jkunu konformi mal-obbligi ta' ***din id-Direttiva*** matul il-proċedura kollha għall-protezzjoni internazzjonali***, inkluż li jkollhom disponibbli interpretu, medjatur kulturali, u konsulent legali***.

Or. en

Emenda 809
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn l-applikanti jkunu ġew identifikati bħala applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċjali***, dawn għandhom jingħataw appoġġ adegwat sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet u jkunu konformi mal-obbligi ta' dan ir-Regolament matul il-proċedura kollha għall-protezzjoni internazzjonali.	2. Fejn l-applikanti jkunu ġew identifikati bħala applikanti li jkunu jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċifiċi***, dawn għandhom jingħataw appoġġ adegwat sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mid-drittijiet u jkunu konformi mal-obbligi ta' dan ir-Regolament matul il-proċedura kollha għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 810
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Fejn dak*** l-appoġġ adegwat ***ma jkunx jista'*** jingħata fil-qafas tal-proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40 jew il-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41***, b'mod partikolari fejn l-awtorità determinanti tqis li l-applikant jeħtieġ garanziji proċedurali speċjali bħala riżultat ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess, l-awtorità determinanti ma għandhiex tapplika, jew għandha tieqaf milli tapplika dawk il-proċeduri għall-applikant***.	3. L-appoġġ ***raġonevoli u*** adegwat ***għandu*** jingħata fil-qafas tal-proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40 jew il-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41.

Or. en

Emenda 811
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ***dak l-appoġġ adegwat ma jkunx jista' jingħata fil-qafas tal-proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija***	3. Fejn ***l-applikant ikun ġie identifikat bħala applikant li*** jeħtieġ garanziji proċedurali speċjali bħala riżultat

fl-Artikolu 40 jew il-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41, b'mod partikolari fejn l-awtorità determinanti tqis li l-applikant jeħtieġ garanziji proċedurali speċjali bħala riżultat ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess, l-awtorità determinanti ma għandhiex tapplika**,** jew għandha tieqaf milli tapplika ***dawk il-proċeduri*** għall-applikant.

ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess, l-awtorità determinanti ma għandhiex tapplika jew għandha tieqaf milli tapplika ***l-proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40 jew il-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41*** għall-applikant.

Or. en

Emenda 812
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn dak l-appoġġ adegwat ma jkunx jista' jingħata fil-qafas tal-proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40 jew il-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41, ***b'mod partikolari*** fejn l-awtorità determinanti tqis li l-applikant jeħtieġ garanziji proċedurali speċjali bħala riżultat ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess, l-awtorità determinanti ma għandhiex tapplika, jew għandha tieqaf milli tapplika dawk il-proċeduri għall-applikant.	3. Fejn dak l-appoġġ adegwat ma jkunx jista' jingħata fil-qafas tal-proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40 jew il-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41, ***jew*** fejn l-awtorità determinanti tqis li l-applikant jeħtieġ garanziji proċedurali speċjali bħala riżultat ***b'attenzjoni partikolari għall-vittmi*** ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess, l-awtorità determinanti ma għandhiex tapplika, jew għandha tieqaf milli tapplika dawk il-proċeduri għall-applikant.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjat mat-test adottat mill-Parlament fir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil dwar il-gruppi vulnerabbli.

Emenda 813
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn dak l-appoġġ adegwat ma jkunx jista' jingħata fil-qafas tal-proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40 jew il-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41, b'mod partikolari fejn l-awtorità determinanti tqis li l-applikant jeħtieġ garanziji proċedurali ***speċjali*** bħala riżultat ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess, l-awtorità determinanti ma għandhiex tapplika, jew għandha tieqaf milli tapplika dawk il-proċeduri għall-applikant.	3. Fejn dak l-appoġġ adegwat ma jkunx jista' jingħata fil-qafas tal-proċedura aċċellerata ta' eżami msemmija fl-Artikolu 40 jew il-proċedura fuq il-fruntiera msemmija fl-Artikolu 41, b'mod partikolari fejn l-awtorità determinanti tqis li l-applikant jeħtieġ garanziji proċedurali ***speċifiċi*** bħala riżultat ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess, l-awtorità determinanti ma għandhiex tapplika, jew għandha tieqaf milli tapplika dawk il-proċeduri għall-applikant.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 814
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni tista' tispeċifika d-dettalji u l-miżuri sepċifiċi għall-valutazzjoni u l-indirizzar tal-bżonnijiet proċedurali speċjali ta' applikanti, inkluż ta' minorenni mhux akkompanjati, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu	***imħassar***

58.

Or. en

Emenda 815
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni tista' tispeċifika d-dettalji u l-miżuri sepċifiċi għall-valutazzjoni u l-indirizzar tal-bżonnijiet proċedurali ***speċjali*** ta' applikanti, inkluż ta' minorenni mhux akkompanjati, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58.	4. Il-Kummissjoni tista' tispeċifika d-dettalji u l-miżuri sepċifiċi għall-valutazzjoni u l-indirizzar tal-bżonnijiet proċedurali ***speċifiċi*** ta' applikanti, inkluż ta' minorenni mhux akkompanjati, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 816
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni ***tista'*** tispeċifika d-dettalji u l-miżuri sepċifiċi għall-valutazzjoni u l-indirizzar tal-bżonnijiet proċedurali speċjali ta' applikanti, inkluż ta' minorenni mhux akkompanjati***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta'***	4. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 59 filwaqt li*** tispeċifika d-dettalji u l-miżuri sepċifiċi għall-valutazzjoni u l-indirizzar tal-bżonnijiet proċedurali speċjali ta' applikanti, inkluż ta' minorenni mhux

implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58.	akkompanjati**.**

Or. en

Emenda 817
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kummissjoni ***tista'*** tispeċifika d-dettalji u l-miżuri sepċifiċi għall-valutazzjoni u l-indirizzar tal-bżonnijiet proċedurali speċjali ta' applikanti, inkluż ta' minorenni mhux akkompanjati***, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58.***	4. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 59 filwaqt li*** tispeċifika d-dettalji u l-miżuri sepċifiċi għall-valutazzjoni u l-indirizzar tal-bżonnijiet proċedurali speċjali ta' applikanti, inkluż ta' minorenni mhux akkompanjati**.**

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mod kif l-awtoritajiet determinanti jindirizzaw il-bżonnijiet proċedurali speċjali huwa dritt proċedurali ewlieni għall-applikanti. Minħabba l-importanza tiegħu, huwa imperattiv li l-koleġiżlaturi jaqblu dwar kwalunkwe att li jispeċifika aktar id-dettalji u l-miżuri speċifiċi disponibbli għall-applikanti. B'dan il-ħsieb, l-att delegat biss jista' jintuża f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Emenda 818
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Prinċipji ġenerali għall-valutazzjoni ta' bżonnijiet proċedurali ***speċjali***	Prinċipji ġenerali għall-valutazzjoni ta' bżonnijiet proċedurali ***speċifiċi***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 819
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Kati Piri, Caterina Chinnici, Elly Schlein, Cécile Kashetu Kyenge, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess għall-identifikazzjoni ta' applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali għandu jinbeda mill-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet hekk kif issir applikazzjoni, u għandhom jitkomplew mill-awtorità determinanti ladarba l-applikazzjoni tiġi ppreżentata.	1. Il-proċess għall-identifikazzjoni ta' applikanti bi bżonnijiet proċedurali speċjali għandu jinbeda mill-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet hekk kif issir applikazzjoni, u għandhom jitkomplew mill-awtorità determinanti ladarba l-applikazzjoni tiġi ppreżentata. ***Il-valutazzjoni għandha fi kwalunkwe każ tinbeda mhux aktar tard minn 15-il jum wara li tkun saret l-applikazzjoni u għandha titlesta fi żmien 30 jum.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjat mat-test adottat mill-Parlament fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza dwar bżonnijiet speċifiċi ta' akkoljenza.

Emenda 820
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-proċess għall-identifikazzjoni ta'	1. Il-proċess għall-identifikazzjoni ta'

applikanti bi bżonnijiet proċedurali ***speċjali*** għandu jinbeda mill-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet hekk kif issir applikazzjoni, u għandhom jitkomplew mill-awtorità determinanti ladarba l-applikazzjoni tiġi ppreżentata.	applikanti bi bżonnijiet proċedurali ***speċifiċi*** għandu jinbeda mill-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet hekk kif issir applikazzjoni, u għandhom jitkomplew mill-awtorità determinanti ladarba l-applikazzjoni tiġi ppreżentata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 821
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persunal tal-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet għandhom, meta jirreġistraw l-applikazzjoni, jindikaw jekk applikant jippreżentax ***l-ewwel*** indikazzjonijiet ta' vulnerabilità jew le, li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali speċjali u jistgħu jiġu inferiti minn sinjali fiżiċi jew mid-dikjarazzjonijiet jew l-aġir tal-applikant.	Il-persunal tal-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet għandhom, meta jirreġistraw l-applikazzjoni, jindikaw jekk applikant jippreżentax indikazzjonijiet ***ovvji*** ta' vulnerabilità jew le, li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali speċjali u jistgħu jiġu inferiti minn sinjali fiżiċi jew mid-dikjarazzjonijiet jew l-aġir tal-applikant.

Or. bg

Emenda 822
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persunal tal-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet	Il-persunal tal-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw l-applikazzjonijiet

għandhom, meta jirreġistraw l-applikazzjoni, jindikaw jekk applikant jippreżentax l-ewwel indikazzjonijiet ta' vulnerabilità jew le, li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali ***speċjali*** u jistgħu jiġu inferiti minn sinjali fiżiċi jew mid-dikjarazzjonijiet jew l-aġir tal-applikant.	għandhom, meta jirreġistraw l-applikazzjoni, jindikaw jekk applikant jippreżentax l-ewwel indikazzjonijiet ta' vulnerabilità jew le, li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali ***speċifiċi*** u jistgħu jiġu inferiti minn sinjali fiżiċi jew mid-dikjarazzjonijiet jew l-aġir tal-applikant.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 823
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni li applikant jippreżenta l-ewwel sinjali ta' vulnerabbiltà għandha tkun inkluża fil-fajl tal-applikant, flimkien mad-deskrizzjoni tas-sinjali ta' vulnerabbiltà ppreżentati mill-applikant li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali speċjali.	L-informazzjoni li applikant jippreżenta l-ewwel sinjali ta' vulnerabbiltà għandha tkun inkluża fil-fajl tal-applikant, flimkien mad-deskrizzjoni tas-sinjali ta' vulnerabbiltà ppreżentati mill-applikant li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali speċjali ***u l-osservazzjonijiet tal-applikant dwar il-bżonn li jibbenefika minn appoġġ proċedurali speċjali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem allinjat mal-kliem adottat fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza dwar ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza.

Emenda 824
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni li applikant jippreżenta ***l-ewwel*** sinjali ta' vulnerabbiltà għandha tkun inkluża fil-fajl tal-applikant, flimkien mad-deskrizzjoni tas-sinjali ta' vulnerabbiltà ppreżentati mill-applikant li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali speċjali.	L-informazzjoni li applikant jippreżenta sinjali ***ovvji*** ta' vulnerabbiltà għandha tkun inkluża fil-fajl tal-applikant, flimkien mad-deskrizzjoni tas-sinjali ta' vulnerabbiltà ppreżentati mill-applikant li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali speċjali.

Or. bg

Emenda 825
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni li applikant jippreżenta l-ewwel sinjali ta' vulnerabbiltà għandha tkun inkluża fil-fajl tal-applikant, flimkien mad-deskrizzjoni tas-sinjali ta' vulnerabbiltà ppreżentati mill-applikant li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali ***speċjali***.	L-informazzjoni li applikant jippreżenta l-ewwel sinjali ta' vulnerabbiltà għandha tkun inkluża fil-fajl tal-applikant, flimkien mad-deskrizzjoni tas-sinjali ta' vulnerabbiltà ppreżentati mill-applikant li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali ***speċifiċi***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 826
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-

persunal tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 5 huwa mħarreġ biex jidentifika l-ewwel sinjali ta' vulnerabbiltà ta' applikanti li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali ***speċjali***, u li dan jirċievi istruzzjonijiet għal dan l-iskop.	persunal tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 5 huwa mħarreġ biex jidentifika l-ewwel sinjali ta' vulnerabbiltà ta' applikanti li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali ***speċifiċi***, u li dan jirċievi istruzzjonijiet għal dan l-iskop.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 827
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 5 huwa mħarreġ biex jidentifika ***l-ewwel*** sinjali ta' vulnerabbiltà ta' applikanti li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali speċjali, u li dan jirċievi istruzzjonijiet għal dan l-iskop.	L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 5 huwa mħarreġ biex jidentifika sinjali ***ovvji*** ta' vulnerabbiltà ta' applikanti li jistgħu jirrikjedu garanziji proċedurali speċjali, u li dan jirċievi istruzzjonijiet għal dan l-iskop.

Or. bg

Emenda 828
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ***ikun hemm indikazzjonijiet li l-applikanti setgħu kienu vittmi ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess u li dan jista'***	Fejn ***meħtieġ***, l-awtorità determinanti ***tista'*** tirreferi lill-applikanti għand tabib jew psikologu għal aktar valutazzjoni tal-istat psikoloġiku u fiżiku tagħhom.

jaffetwa b'mod ħażin il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedura, l-awtorità determinanti ***għandha*** tirreferi lill-applikanti għand tabib jew psikologu għal aktar valutazzjoni tal-istat psikoloġiku u fiżiku tagħhom.

Or. en

Emenda 829
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Kati Piri, Caterina Chinnici, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Cécile Kashetu Kyenge, Elly Schlein

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-applikanti setgħu kienu vittmi ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess u li dan jista' jaffetwa b'mod ħażin il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedura, l-awtorità determinanti għandha tirreferi lill-applikanti għand tabib jew psikologu għal aktar valutazzjoni tal-istat psikoloġiku u fiżiku tagħhom.	Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-applikanti setgħu kienu vittmi ta' tortura, stupru jew forom oħra serji ta' vjolenza psikoloġika, fiżika, vjolenza sesswali jew vjolenza bbażata fuq is-sess u li dan jista' jaffetwa b'mod ħażin il-kapaċità tagħhom li jipparteċipaw b'mod effettiv fil-proċedura, l-awtorità determinanti għandha tirreferi lill-applikanti għand tabib jew psikologu għal aktar valutazzjoni tal-istat psikoloġiku u fiżiku tagħhom. ***F'każijiet bħal dawn, it-tabib jew psikologu għandu jitħarreġ fit-twettiq ta' dawn il-valutazzjonijiet u għandu jkun appoġġat minn interpretu kwalifikat.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem allinjat mal-kliem adottat fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza dwar ħtiġijiet speċjali ta' akkoljenza.

Emenda 830
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dak l-eżami għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-eżami mediku msemmi fl-Artikolu 23 u fl-Artikolu 24.	***imħassar***

Or. en

Emenda 831
Péter Niedermüller, Kati Piri, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jindirizzaw il-bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali kif stabbilit f'dan l-Artikolu anke meta dan il-bżonn isir evidenti fi stadju aktar tard tal-proċedura, mingħajr ma jkollha terġa' tinbeda mill-ġdid il-proċedura għall-protezzjoni ***intrnazzjonali***.	4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jindirizzaw il-bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali kif stabbilit f'dan l-Artikolu anke meta dan il-bżonn isir evidenti fi stadju aktar tard tal-proċedura, ***jew jekk l-applikant jesprimi talba motivata biex il-bżonnijiet proċedurali speċjali tiegħu jew tagħha jerġgħu jiġu vvalutati,*** mingħajr ma jkollha terġa' tinbeda mill-ġdid il-proċedura għall-protezzjoni ***internazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kliem huwa allinjat mal-kliem adottat fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza dwar bżonnijiet speċifiċi ta' akkoljenza.

Emenda 832
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jindirizzaw il-bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali kif stabbilit f'dan l-Artikolu ***anke*** meta dan il-bżonn isir evidenti fi stadju aktar tard tal-proċedura, mingħajr ma jkollha terġa' tinbeda mill-ġdid il-proċedura għall-protezzjoni ***intrnazzjonali***.	4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jindirizzaw il-bżonn ta' garanziji proċedurali speċjali kif stabbilit f'dan l-Artikolu ***wkoll*** meta dan il-bżonn isir evidenti ***jew jitqajjem*** fi stadju aktar tard tal-proċedura, mingħajr ma jkollha terġa' tinbeda mill-ġdid il-proċedura għall-protezzjoni ***internazzjonali***.

Or. en

Emenda 833
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jindirizzaw il-bżonn ta' garanziji proċedurali ***speċjali*** kif stabbilit f'dan l-Artikolu anke meta dan il-bżonn isir evidenti fi stadju aktar tard tal-proċedura, mingħajr ma jkollha terġa' tinbeda mill-ġdid il-proċedura għall-protezzjoni ***intrnazzjonali***.	4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jindirizzaw il-bżonn ta' garanziji proċedurali ***speċifiċi*** kif stabbilit f'dan l-Artikolu anke meta dan il-bżonn isir evidenti fi stadju aktar tard tal-proċedura, mingħajr ma jkollha terġa' tinbeda mill-ġdid il-proċedura għall-protezzjoni ***internazzjonali***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 834
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta japplikaw ***dan ir-Regolament***.	1. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom ikunu konsiderazzjoni primarja għall-Istati Membri meta japplikaw ***din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 835
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-minorenni bl-opportunità ta' intervista personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal. ***F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali.***	L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-minorenni bl-opportunità ta' intervista personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal.

Or. en

Emenda 836
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-minorenni bl-opportunità ta' intervista personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal.	L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-minorenni bl-opportunità ta' intervista personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal

F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali.	***jew meta l-minorenni jkun f'età hekk bikrija li l-intervista personali ma tkunx sinifikanti***. F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali.

Or. en

Emenda 837
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal. F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali.	L-awtorità determinanti għandha ***tiżgura d-dritt tal-minorenni li jinstemgħu u*** tipprovdi lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal. F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali.

Or. en

Emenda 838
Maria Grapini

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tipprovdi	L-awtorità determinanti għandha tipprovdi

lill-minorenni bl-opportunità ta' intervista personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal. F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali.	lill-minorenni bl-opportunità ta' intervista personali ***skont kundizzjonijiet xierqa għalih jew għaliha***, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal. F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali.

Or. ro

Emenda 839
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-minorenni ***bl-opportunità ta' intervista*** personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal. F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni ***bl-opportunità ta' intervista*** personali.	L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-minorenni ***b'intervista*** personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx evidenti li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal. F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni ***b'intervista*** personali.

Or. en

Emenda 840
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-minorenni bl-opportunità ta' intervista personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx ***evidenti li dan ma jkunx*** fl-aħjar interessi tat-tfal. F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali.	L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-minorenni bl-opportunità ta' intervista personali, inkluż fejn issir applikazzjoni f'isimhom skont l-Artikolu 31(6) u l-Artikolu 32(1), sakemm ma jkunx fl-aħjar interessi tat-tfal. F'dak il-każ, l-awtorità determinanti għandha tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjoni li ma tipprovdix lill-minoreni bl-opportunità ta' intervista personali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aħjar interessi tat-tfal jenħtieġ li jkunu ta' importanza kbira. Jekk intervista personali ma tkunx fl-aħjar interessi tat-tfal, jenħtieġ li ma ssirx.

Emenda 841
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kwalunkwe intervista ta' dan it-tip għandha titwettaq ***minn persuna li għandha*** l-għarfien meħtieġ dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet speċjali tal-minorenni u ***għandha titwettaq b'tali mod li jkun sensittiv għall-ħtiġiejit tat-tfal u xieraq skont il-kuntest***.	Kwalunkwe intervista ta' dan it-tip għandha titwettaq ***f'ilsien li jifhmu, b'mod sensittiv għat-tfal u xieraq fil-kuntest. Il-persuna li twettaq l-intervista personali għandu jkollha*** l-għarfien meħtieġ dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet speċjali tal-minorenni u ***m'għandhiex tilbes l-uniformi militari jew tal-infurzar tal-liġi***.

Or. en

Emenda 842
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kwalunkwe intervista ta' dan it-tip għandha titwettaq minn persuna li għandha l-għarfien meħtieġ dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet ***speċjali*** tal-minorenni u għandha titwettaq b'tali mod li jkun sensittiv għall-ħtiġiejit tat-tfal u xieraq skont il-kuntest.	Kwalunkwe intervista ta' dan it-tip għandha titwettaq minn persuna li għandha l-għarfien meħtieġ dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet ***speċifiċi*** tal-minorenni u għandha titwettaq b'tali mod li jkun sensittiv għall-ħtiġiejit tat-tfal u xieraq skont il-kuntest.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 843
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' minorenni għandha titħejja mill-persunal tal-awtorità determinanti li jkollu l-għarfien neċessarju dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet ***speċjali*** tal-minorenni.	3. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' minorenni għandha titħejja mill-persunal tal-awtorità determinanti li jkollu l-għarfien neċessarju dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet ***speċifiċi*** tal-minorenni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 844
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' minorenni għandha ***titħejja*** mill-persunal tal-awtorità determinanti li jkollu l-għarfien neċessarju dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet speċjali tal-minorenni.	3. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' minorenni għandha ***tittieħed*** mill-persunal tal-awtorità determinanti li jkollu l-għarfien neċessarju dwar id-drittijiet u l-bżonnijiet speċjali tal-minorenni.

Or. hu

Emenda 845
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, l-awtorità determinanti għandha, b'mod partikolari, tqis b'mod xieraq dawn il-fatturi li ġejjin:
	a) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi jitqies b'mod partikolari l-isfond etniku, reliġjuż, kulturali u lingwistiku tat-tifel jew tifla u billi jitqies ukoll il-bżonn għall-istabilità u t-tkomplija fl-arranġamenti għall-kura u l-kustodja tal-minorenni u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni;
	b) kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' xi forma ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż it-traffikar tal-bnedmin;
	c) il-fehmiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tiegħu/tagħha.
	d) l-informazzjoni pprovduta mill-kustodju fl-Istat Membru fejn il-minorenni jkun preżenti.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regolament ta' Dublin jinkludi dispożizzjonijiet li għandhom l-għan li jiċċaraw il-valutazzjonijiet tal-aħjar interessi, għalhekk ikun loġiku li dawn jiġu riflessi fl-APR.

Emenda 846
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Garanziji ***speċjali*** għal minorenni mhux akkompanjati	Garanziji ***speċifiċi*** għal minorenni mhux akkompanjati

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 847
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol mill-mument meta minorenni mhux akkompanjat jagħmel applikazzjoni, jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.	***1.*** L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun ***wara l-wasla fit-territorju tal-Unjoni*** u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol mill-mument meta minorenni mhux akkompanjat jagħmel applikazzjoni, jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.

Or. en

Emenda 848
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun ***u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol mill-mument meta*** minorenni mhux akkompanjat jagħmel applikazzjoni, jaħtru persuna ***jew organizzazzjoni*** bħala kustodju.	L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun ***wara li*** minorenni mhux akkompanjat jagħmel applikazzjoni, jaħtru persuna bħala kustodju.

Or. en

Emenda 849
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ***ta' xogħol*** mill-mument meta minorenni mhux akkompanjat ***jagħmel applikazzjoni***, jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.	L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħamest ijiem mill-mument meta minorenni mhux akkompanjat ***jinżel fit-territorju tal-Unjoni Ewropea***, jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.

Or. en

Emenda 850
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli għandhom, ***malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ta' xogħol*** mill-	L-awtoritajiet responsabbli għandhom, mill-mument meta minorenni mhux akkompanjat jagħmel applikazzjoni, ***jieħdu***

mument meta minorenni mhux akkompanjat jagħmel applikazzjoni, jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.	***miżuri biex*** jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjat mat-test adottat fil-Parlament dwar id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 851
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ***ħamest ijiem*** ta' xogħol mill-mument meta minorenni mhux akkompanjat jagħmel applikazzjoni, jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.	L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ***jumejn*** ta' xogħol mill-mument meta minorenni mhux akkompanjat jagħmel applikazzjoni, jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.

Or. en

Emenda 852
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħamest ijiem ***ta' xogħol*** mill-mument meta minorenni mhux akkompanjat ***jagħmel applikazzjoni***, jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.	L-awtoritajiet responsabbli għandhom, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn ħamest ijiem mill-mument meta minorenni mhux akkompanjat ***jasal fl-Istat Membru***, jaħtru persuna jew organizzazzjoni bħala kustodju.

Or. en

Emenda 853
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn organizzazzjoni tiġi maħtura bħala rappreżentant, din għandha tinnomina persuna responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' kustodju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 854
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn organizzazzjoni tiġi maħtura bħala rappreżentant, din għandha tinnomina persuna responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' kustodju.	Fejn organizzazzjoni tiġi maħtura bħala rappreżentant, din għandha tinnomina persuna responsabbli għat-twettiq tal-kompiti ta' kustodju***, fir-rigward tal-minorenni mhux akkompanjat, f'konformità ma' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 855
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità determinanti għandha tinforma	L-awtorità determinanti għandha tinforma

lill-minorenni mhux akkompanjat ***immedjatament*** dwar il-ħatra tal-kustodju tiegħu.	lill-minorenni mhux akkompanjat ***mingħajr dewmien żejjed*** dwar il-ħatra tal-kustodju tiegħu.

Or. en

Emenda 856
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-limiti taż-żmien proċedurali m'għandhomx jibdew qabel il-ħatra ta' kustodju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li l-minorenni jirċievi l-assistenza tal-kustodju tiegħu jew tagħha u għalhekk il-limiti taż-żmien jenħtieġ li ma jibdewx sakemm il-kustodju ma jkunx qed jassisti lill-minorenni.

Emenda 857
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-kustodju dwar il-fatti kollha rilevanti, il-passi proċedurali u l-limiti ta' żmien relatati mal-minorenni mhux akkompanjat.	2. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-kustodju dwar il-fatti kollha rilevanti, il-passi proċedurali u l-limiti ta' żmien relatati mal-minorenni mhux akkompanjat. ***Il-kustodju għandu wkoll ikollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikanti inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għall-minorenni mhux akkompanjati.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika sabiex jiġi żgurat li l-kustodju jkollu aċċess għall-informazzjoni rilevanti kollha sabiex jappoġġja lill-minorenni, b'dan jirrifletti d-dispożizzjonijiet fir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 858
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-kustodju dwar il-fatti kollha rilevanti, il-passi proċedurali u l-limiti ta' żmien relatati mal-minorenni mhux akkompanjat.	2. L-awtorità determinanti għandha tinforma lill-kustodju ***u lill-minorenni*** dwar il-fatti kollha rilevanti, il-passi proċedurali u l-limiti ta' żmien relatati mal-minorenni mhux akkompanjat.

Or. en

Emenda 859
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jirrappreżenta u jassisti lill-minorenni mhux akkompanjat matul il-proċeduri previsti ***f'dan ir-Regolament***, u	(a) jirrappreżenta u jassisti lill-minorenni mhux akkompanjat matul il-proċeduri previsti ***f'din id-Direttiva***, u

Or. en

Emenda 860
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jippermetti lill-minorenni mhux akkompanjat jibbenefika mid-drittijiet u jikkonforma mal-obbligi skont ***dan ir-Regolament***.	(b) jippermetti lill-minorenni mhux akkompanjat jibbenefika mid-drittijiet u jikkonforma mal-obbligi skont ***din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 861
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kustodju għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont il-prinċipju tal-aħjar ***interessi*** tat-tfal, għandu jkollu l-għarfien espert meħtieġ u ma għandux ikollu rekord verifikat ta' ***delitti jew offiżi*** relatati mat-tfal.	Il-kustodju għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont il-prinċipju tal-aħjar ***interess*** tat-tfal, għandu jkollu ***l-kwalifiki u*** l-għarfien espert meħtieġ u ***għandu jirċievi taħriġ kontinwu u xieraq u*** ma għandux ikollu rekord ***kriminali*** verifikat***, b'mod partikolari fir-rigward*** ta' ***kwalunkwe delitt jew offiża*** relatati mat-tfal. ***Wara l-ħatra tiegħu/tagħha, ir-rekord kriminali tal-gwardjan għandu jiġi rivedut b'mod regolari mill-awtoritajiet kompetenti biex ikunu identifikati inkompatibilitajiet potenzjali mar-rwol tiegħu jew tagħha.***

Or. en

Emenda 862
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Kati Piri

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kustodju għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont il-prinċipju tal-aħjar interessi	Il-kustodju għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont il-prinċipju tal-aħjar interessi

tat-tfal, għandu jkollu l-għarfien espert ***meħtieġ*** u ma għandux ikollu rekord ***verifikat*** ta' ***delitti jew offiżi*** relatati mat-tfal.	tat-tfal, għandu jkollu ***l-kwalifiki u*** l-għarfien espert ***meħtieġa*** u ma għandux ikollu rekord ***kriminali, b'mod partikolari fir-rigward*** ta' ***kwalunkwe delitt jew offiża*** relatati mat-tfal. ***L-awtoritajiet responsabbli għandhom jirrevedu b'mod regolari r-rekords kriminali ta' kustodji maħtura sabiex jidentifikaw inkompatibilitajiet potenzjali mar-rwol tagħhom.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjat mat-test adottat fil-Parlament dwar id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 863
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini, Bodil Valero

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kustodju għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal, għandu jkollu l-għarfien espert ***meħtieġ*** u ma għandux ikollu rekord verifikat ta' delitti jew offiżi ***relatati mat-tfal***.	Il-kustodju għandu jwettaq il-kompiti tiegħu skont il-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal, għandu jkollu ***l-indipendenza, u l-kwalifiki u*** l-għarfien espert ***meħtieġa*** u ma għandux ikollu rekord verifikat ta' delitti jew offiżi. ***Il-kustodji għandhom jirċievu taħriġ regolari biex iwettqu l-kompiti tagħhom.***

Or. en

Emenda 864
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuna li taġixxi bħala kustodju għandha tinbidel biss meta l-awtoritajiet responsabbli iqisu li dan ma jkunx wettaq b'mod adegwat il-kompiti tiegħu ta' kustodju. ***L-organizzazzjonijiet jew*** l-individwi li l-interessi tagħhom ma jaqblux jew jistgħu potenzjalment ma jaqblux ma' dawk tal-minorenni mhux akkompanjat ma għandhomx jinħatru bħala kustodju.	Il-persuna li taġixxi bħala kustodju għandha tinbidel biss meta l-awtoritajiet responsabbli iqisu li dan ma jkunx wettaq b'mod adegwat il-kompiti tiegħu ta' kustodju. L-individwi li l-interessi tagħhom ma jaqblux jew jistgħu potenzjalment ma jaqblux ma' dawk tal-minorenni mhux akkompanjat ma għandhomx jinħatru bħala kustodju.

Or. en

Emenda 865
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli ma ***għandhomx jgħabbu lill-kustodju*** b'numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin, minħabba li dan jista' jwassal biex hu ma jkunx jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.	L-awtoritajiet responsabbli ***għandhom jiżguraw li l-kustodju*** ma ***jitpoġġiex responsabbli*** b'numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin, minħabba li dan jista' jwassal biex hu ma jkunx jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv***, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn 20***.

Or. en

Emenda 866
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli ma għandhomx jgħabbu lill-kustodju b'numru sproporzjonat ta' minorenni mhux	L-awtoritajiet responsabbli ma għandhomx jgħabbu lill-kustodju b'numru sproporzjonat ta' minorenni mhux

akkompanjati fl-istess ħin, minħabba li dan jista' jwassal biex hu ma jkunx jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.	akkompanjati fl-istess ħin, minħabba li dan jista' jwassal biex hu ma jkunx jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv***, u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn 20***.

Or. en

Emenda 867
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Kati Piri, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli ma għandhomx jgħabbu lill-kustodju b'numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin, minħabba li dan jista' jwassal biex hu ma jkunx jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.	L-awtoritajiet responsabbli ma għandhomx jgħabbu lill-kustodju b'numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin, ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn 20,*** minħabba li dan jista' jwassal biex hu ma jkunx jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjat mat-test adottat fil-Parlament dwar id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 868
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli ma għandhomx jgħabbu lill-kustodju b'numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin, minħabba li dan jista' jwassal biex hu ma jkunx jista'	L-awtoritajiet responsabbli ma għandhomx jgħabbu lill-kustodju b'numru sproporzjonat ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin, ***u fi kwalunkwe każ mhux aktar minn 10,*** minħabba li dan jista' jwassal biex hu ma jkunx jista'

jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.	jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.

Or. en

Emenda 869
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli ***ma għandhomx*** jgħabbu lill-kustodju b'numru ***sproporzjonat*** ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin, ***minħabba li dan*** jista' ***jwassal biex hu ma jkunx jista'*** jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.	L-awtoritajiet responsabbli ***għandhom*** jgħabbu lill-kustodju b'numru ***adegwat u limitat*** ta' minorenni mhux akkompanjati fl-istess ħin, ***biex jiżguraw li huwa jew hija jkun*** jista' jwettaq il-kompiti tiegħu b'mod effettiv.*"*

Or. en

Emenda 870
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet jew persuni responsabbli ***għat-twettiq tal-kompiti tal-kustodji u*** biex f'intervalli regolari ***jissorveljaw u jikkontrollaw li l-kustodji*** jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod sodisfaċenti. Dawk l-entitajiet jew ***persuni għandhom jirrevedu*** l-ilmenti ppreżentati ***minn minorenni*** mhux akkompanjati kontra ***l-kustodju*** tagħhom.	L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet jew persuni responsabbli biex ***jagħmlu monitoraġġ*** f'intervalli regolari ***biex jiżguraw li l-gwardjani*** jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod sodisfaċenti. Dawk l-entitajiet jew ***il-persuni għandu jkollhom il-kompetenza wkoll li jeżaminaw*** l-ilmenti ppreżentati ***mill-minorenni akkompanjati kontra l-gwardjan tagħhom. Għal dan l-għan, il-minorenni*** mhux akkompanjati ***għandhom jingħataw informazzjoni b'mod konċiż, trasparenti, li jinftiehem u li jkun faċilment aċċessibbli, permezz ta' lingwaġġ ċar u ħafif, kemm bil-fomm u***

kemm f'forma viżiva, b'mod li jifhmuh it-tfal u f'ilsien li huma jifhmu, dwar min huma dawn l-entitajiet jew persuni u kif jistgħu jressqu lmenti kontra ***l-kustodji*** tagħhom ***b'fiduċja u sigurtà***.

Or. en

Emenda 871
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Barbara Kudrycka, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet jew persuni responsabbli għat-twettiq tal-kompiti tal-kustodji u biex f'intervalli regolari jissorveljaw u jikkontrollaw li l-kustodji jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod sodisfaċenti. Dawk l-entitajiet jew persuni għandhom jirrevedu l-ilmenti ppreżentati minn minorenni mhux akkompanjati kontra l-kustodju tagħhom.	L-Istati Membri għandhom jaħtru entitajiet jew persuni responsabbli għat-twettiq tal-kompiti tal-kustodji u biex f'intervalli regolari jissorveljaw u jikkontrollaw li l-kustodji jwettqu l-kompiti tagħhom b'mod sodisfaċenti. Dawk l-entitajiet jew persuni għandhom jirrevedu l-ilmenti ppreżentati minn minorenni mhux akkompanjati kontra l-kustodju tagħhom. ***Il-minorenni mhux akkompanjati għandhom jiġu infurmati, b'mod adattat għat-tfal u b'ilsien li huma jifhmu, dwar min huma dawn l-entitajiet jew il-persuni u dwar liema huma l-mekkaniżmi ta' lmentar fis-seħħ biex jirrapportaw l-ilmenti kontra l-kustodji tagħhom b'fiduċja u sigurtà.***

Or. en

Emenda 872
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 5 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-entitajiet jew il-persuni responsabbli għandhom jivvalutaw il-prestazzjoni tal-kustodju fl-ewwel xahar wara l-ħatra tiegħu/tagħha, u mbagħad b'mod regolari.

Or. en

Emenda 873
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-kustodju għandu jinforma lill-minorenni mhux akkompanjat dwar is-sinifikat u l-konsegwenzi eventwali tal-intervista personali u, fejn xieraq, dwar kif jipprepara ruħu għall-intervista personali. Il-kustodju u***, fejn applikabbli, il-konsulent*** legali jew konsulent ieħor ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, għandhom ikunu preżenti f'dik l-intervista u jkollhom opportunità li jsaqsu mistoqsijiet jew jagħmlu kummenti, fi ħdan il-qafas stabbilit mill-persuna li tagħmel l-intervista. L-awtorità determinanti tista teżiġi l-preżenza tal-minorenni mhux akkompanjat fl-intervista personali, anke jekk ikun preżenti l-kustodju.	6. Il-kustodju għandu jinforma lill-minorenni mhux akkompanjat dwar is-sinifikat u l-konsegwenzi eventwali tal-intervista personali u, fejn xieraq, dwar kif jipprepara ruħu għall-intervista personali. Il-kustodju u ***l-konsulent*** legali jew konsulent ieħor ammess jew permess bħala tali skont il-liġi nazzjonali, għandhom ikunu preżenti f'dik l-intervista u jkollhom opportunità li jsaqsu mistoqsijiet jew jagħmlu kummenti, fi ħdan il-qafas stabbilit mill-persuna li tagħmel l-intervista. L-awtorità determinanti tista teżiġi l-preżenza tal-minorenni mhux akkompanjat fl-intervista personali, anke jekk ikun preżenti l-kustodju.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dritt tal-avukat li jkun preżenti jinsab stabbilit fl-Artikolu 16(4). Dak id-dritt jenħtieġ li ma jitnaqqasx minħabba l-ħatra tal-kustodju.

Emenda 874

Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Eżami mediku	Eżami mediku ***u psikoloġiku***

Or. en

Emenda 875
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn l-awtorità determinanti tqis li huwa rilevanti għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) u soġġett għall-kunsens tal-applikant, din għandha tirranġa*** biex isir eżami mediku ***tal-applikant*** li ***jirrigwarda sinjali u sintomi li*** jistgħu jindikaw ***persekuzzjoni jew ħsara serja fil-passat***.	1. ***L-applikant jista' jagħti l-kunsens*** biex isir eżami mediku ***u psikoloġiku fuqu tas-sinjali u s-sintomi*** li jistgħu jindikaw ***persekuzzjonijiet, korrimenti serji mġarrba, trattament inuman***.

Or. en

Emenda 876
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-eżami medika għandu jitwettaq minn professjonisti mediċi kwalifikati. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw il-professjonisti mediċi li jistgħu jwettqu tali	2. L-eżami medika għandu jitwettaq minn professjonisti mediċi kwalifikati. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw il-professjonisti mediċi li jistgħu jwettqu tali

eżamijiet mediċi. Dawk l-eżamijiet mediċi għandhom jitħallsu minn fondi pubbliċi.	eżamijiet mediċi. Dawk l-eżamijiet mediċi għandhom jitħallsu minn fondi pubbliċi ***sakemm l-applikant ma jkollux riżorsi suffiċjenti***.

Or. en

Emenda 877
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-eżami medika għandu jitwettaq minn professjonisti mediċi kwalifikati. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw il-professjonisti mediċi li jistgħu jwettqu tali eżamijiet mediċi. Dawk l-eżamijiet mediċi għandhom ***jitħallsu minn fondi pubbliċi***.	2. L-eżami medika għandu jitwettaq minn professjonisti mediċi kwalifikati. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw il-professjonisti mediċi li jistgħu jwettqu tali eżamijiet mediċi. Dawk l-eżamijiet mediċi għandhom ***ikunu mingħajr ħlas għall-applikanti***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'xi Stati Membri dan ma jiġix ipprovdut skont il-liġi nazzjonali.

Emenda 878
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-eżami ***medika*** għandu jitwettaq minn professjonisti mediċi kwalifikati. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw il-professjonisti ***mediċi*** li jistgħu jwettqu tali eżamijiet ***mediċi***. Dawk l-eżamijiet ***mediċi*** għandhom jitħallsu minn fondi pubbliċi.	2. L-eżami ***mediku u psikoloġiku*** għandu jitwettaq minn professjonisti mediċi kwalifikati. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw il-professjonisti li jistgħu jwettqu tali eżamijiet. Dawk l-eżamijiet għandhom jitħallsu minn fondi pubbliċi.

Or. en

Emenda 879
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-eżami medika għandu jitwettaq minn professjonisti mediċi kwalifikati. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw il-professjonisti mediċi li jistgħu jwettqu tali eżamijiet mediċi. Dawk l-eżamijiet mediċi għandhom ***jitħallsu minn fondi pubbliċi***.	2. L-eżami medika għandu jitwettaq minn professjonisti mediċi kwalifikati. L-Istati Membri jistgħu jinnominaw il-professjonisti mediċi li jistgħu jwettqu tali eżamijiet mediċi. Dawk l-eżamijiet mediċi għandhom ***ikunu mingħajr ħlas***.

Or. en

Emenda 880
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta ma jsir ebda eżami mediku f'konformità mal-paragrafu 1, l-awtorità determinanti għandha tinforma lill-applikanti li jistgħu, fuq inizjattiva individwali u bi spiża għalihom, jirranġaw biex isir eżami mediku li jirrigwarda sinjali u sintomi li jistgħu jindikaw persekuzzjoni jew ħsara serja fil-passat.	***imħassar***

Or. en

Emenda 881
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Ir-riżultati tal-eżami mediku għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità determinanti malajr kemm jista' jkun, u għandhom ikunu vvalutati mill-awtorità determinanti flimkien mal-elementi l-oħra tal-applikazzjoni.	4. Ir-riżultati tal-eżami mediku għandhom jiġu ppreżentati lill-awtorità determinanti ***u lill-applikant*** malajr kemm jista' jkun, u għandhom ikunu vvalutati mill-awtorità determinanti flimkien mal-elementi l-oħra tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 882
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 23 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Ir-rifjut ta' applikant li jsirlu eżami mediku ma għandux iżomm lill-awtorità*** determinanti ***milli tieħu deċiżjoni*** dwar ***l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***.	5. ***L-eżamijiet mediċi għandhom jintużaw bħala l-aħħar soluzzjoni u l-awtorità*** determinanti ***għandha tinforma bil-miktub*** dwar ***ir-raġuni għad-deċiżjoni***.

Or. en

Emenda 883
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Eżami mediku ta' minorenni mhux akkompanjati	Eżami mediku ***u psikosoċjali*** ta' minorenni mhux akkompanjati

Or. en

Emenda 884

Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Eżami ***mediku*** ta' minorenni mhux akkompanjati	Eżami ta' minorenni mhux akkompanjati

Or. en

Emenda 885
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Eżami mediku ta' minorenni ***mhux akkompanjati***	***Kalkolu tal-età*** ta' minorenni

Or. en

Emenda 886
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni ***psikoloġika***, ikun hemm ***dubji*** dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri	1. Eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw***, bħala miżura aħħarija,*** biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni ***psikosoċjali***, ikun hemm ***raġunijiet għal dubju serju*** dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le ***u approċċi oħra, bħal tentattivi biex tinġabar l-evidenza***

għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.

dokumentarja, u proċeduri oħra tal-kalkolu tal-età li l-Istati Membri jista' jkun li ddeċidew li jwettqu naqsu li jiddeterminaw l-età tal-applikant. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.

Or. en

Emenda 887
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Eżamijiet mediċi*** jistgħu ***jintużaw*** biex ***tkun determinata*** l-età ***ta' minorenni mhux akkompanjati*** fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni ***fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika, ikun hemm dubji dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le***. Fejn ir-riżultat ***tal-eżami mediku*** ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.	1. ***Fejn, skont id-dikjarazzjonijiet mill-applikant jew l-evidenza dokumentarja disponibbli, hemm dubji dwar jekk il-minorenni mhux akkompanjat għandux anqas minn 18-il sena jew le, l-awtoritajiet determinanti*** jistgħu ***jordnaw valutazzjoni psikosoċjali li għandha ssir minn professjonisti kwalifikati*** biex ***tiġi ddeterminata*** l-età ***tal-applikant*** fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni. ***Il-kalkolu tal-età m'għandux ikun ibbażat biss fuq id-dehra fiżika jew fuq l-imġiba tal-applikant.*** Fejn ir-riżultat ***tal-valutazzjoni psikosoċjali*** ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.

Or. en

Emenda 888
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika, ikun hemm dubji dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le. ***Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.***	1. Eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika, ikun hemm dubji dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le.

Or. en

Emenda 889
Elly Schlein

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika, ikun hemm dubji dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.	1. Eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika, ikun hemm dubji dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni. ***L-applikant għandu d-dritt għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni dwar il-kalkolu tal-età.***

Or. en

Emenda 890
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Eżamijiet mediċi ***jistgħu*** jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika, ikun hemm dubji dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.	1. Eżamijiet mediċi ***għandhom*** jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni ***fiżika u*** psikoloġika, ikun hemm dubji dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.

Or. en

Emenda 891
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika, ikun hemm dubji dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta'	1. Eżamijiet mediċi jistgħu***, bħala proċedura standard,*** jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika, ikun hemm dubji dwar jekk l-applikant għandux anqas minn 18-il sena jew le. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx

anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.	konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.

Or. en

Emenda 892
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni*** fejn***, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika,*** ikun hemm dubji dwar jekk ***l-applikant*** għandux anqas minn 18-il sena jew le***. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv***, jew ***jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena***, l-Istati Membri ***għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni***.	1. Fejn ikun hemm dubji dwar jekk ***il-minorenni mhux akkompanjat*** għandux anqas minn 18-il sena jew le, ***wara dikjarazzjonijiet mill-applikant, evidenza dokumentarja disponibbli*** jew ***indikazzjonijiet oħra rilevanti***, l-Istati Membri ***jistgħu jordnaw valutazzjoni psikosoċjali minn professjonisti kwalifikati biex tiġi ddeterminata l-età tal-applikant fil-qafas tal-eżami ta' applikazzjoni***. ***Il-kalkolu tal-età m'għandux ikun ibbażat biss fuq id-dehra fiżika jew fuq l-imġiba tal-applikant.***

Or. en

Emenda 893
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw biex tkun determinata l-età ta' minorenni***	1. Fejn ikun hemm dubji dwar jekk ***il-minorenni mhux akkompanjat*** għandux

mhux akkompanjati fil-qafas ta' eżami ta' applikazzjoni fejn***, wara dikjarazzjonijiet mill-applikant jew indikazzjonijiet oħra rilevanti inkluż valutazzjoni psikoloġika,*** ikun hemm dubji dwar jekk ***l-applikant*** għandux anqas minn 18-il sena jew le***. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv***, jew ***jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena***, l-Istati Membri ***għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni***.

anqas minn 18-il sena jew le, ***wara dikjarazzjonijiet mill-applikant, evidenza dokumentarja disponibbli*** jew ***indikazzjonijiet oħra rilevanti***, l-Istati Membri ***jistgħu jordnaw valutazzjoni psikosoċjali minn professjonisti kwalifikati biex tiġi ddeterminata l-età tal-applikant fil-qafas tal-eżami ta' applikazzjoni***. ***Il-kalkolu tal-età m'għandux ikun ibbażat biss fuq id-dehra fiżika jew fuq l-imġiba tal-applikant.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-eżami mediku jenħtieġ li jkun miżura aħħarija biex tiġi ddeterminata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati.

Emenda 894
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fejn ikun għad fadal xi dubji dwar l-età tal-minorenni mhux akkompanjat wara l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1, l-eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw bħala miżura tal-aħħar istanza biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas tal-eżami ta' applikazzjoni. Fejn, meta jitqies il-marġni tal-iżball tal-metodu użat - ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-benefiċċju tad-dubju jenħtieġ li dejjem ikun favur il-minorenni.

Emenda 895
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Fejn ikun għad fadal xi dubji dwar l-età tal-minorenni mhux akkompanjat wara l-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1, l-eżamijiet mediċi jistgħu jintużaw bħala miżura tal-aħħar istanza biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux akkompanjati fil-qafas tal-eżami ta' applikazzjoni. Fejn ir-riżultat tal-eżami mediku ma jkunx konklużiv, jew jinkludi firxa ta' etajiet ta' anqas minn 18-il sena, l-Istati Membri għandhom jassumu li l-applikant huwa minorenni.

Or. en

Emenda 896
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe eżami mediku skont il-paragrafu 1 għandu jkun ibbażat fuq metodi ppruvati xjentifikament

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li jiġi żgurat li kwalunkwe eżami mediku użat biex jiddetermina l-età ta' minorenni jkun ibbażat fuq metodi ppruvati xjentifikament.

Emenda 897
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-eżami mediku biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux ***akompanjati*** ma għandux jitwettaq mingħajr il-kunsens tagħhom ***jew il-kunsens*** tal-kustodji tagħhom.	2. L-eżami mediku biex tkun determinata l-età ta' minorenni mhux ***akkompanjati*** ma għandux jitwettaq mingħajr il-kunsens tagħhom ***u l-kunsens*** tal-kustodji tagħhom.

Or. en

Emenda 898
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-eżami mediku biex tkun determinata l-età ta' minorenni ***mhux akompanjati*** ma għandux jitwettaq mingħajr il-kunsens tagħhom jew il-kunsens tal-kustodji tagħhom.	2. L-eżami mediku biex tkun determinata l-età ta' minorenni ma għandux jitwettaq mingħajr il-kunsens tagħhom jew il-kunsens tal-kustodji tagħhom.

Or. en

Emenda 899
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. F'ċirkostanzi straordinarji, bħala l-aħħar soluzzjoni, jistgħu jiġu infurzati l-eżamijiet mediċi.

Or. en

Emenda 900
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kwalunkwe eżami mediku għandu jsir b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-individwu, għandu jkun l-eżami l-inqas invażiv u għandu jsir minn professjonisti mediċi kwalifikati li jwasslu, kemm jista' jkun, għal riżultat li wieħed jista' joqgħod fuqu.	3. Kwalunkwe eżami mediku għandu jsir b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-individwu, għandu jkun l-eżami l-inqas invażiv u għandu jsir minn professjonisti mediċi kwalifikati li jwasslu, kemm jista' jkun, għal riżultat li wieħed jista' joqgħod fuqu***, filwaqt li jispeċifikaw bil-miktub il-marġni tal-iżball tal-metodu użat. L-eżami mediku għandu dejjem jintuża bħala l-aħħar soluzzjoni, u l-awtorità determinanti għandha tispjega bil-miktub ir-raġunijiet għalih. Jekk ikun twettaq eżami mediku, id-dokumenti kollha relatati mal-eżami mediku għandhom ikunu inklużi fil-fajl tal-applikant.***

Or. en

Emenda 901
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

3. Kwalunkwe eżami mediku għandu jsir b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-individwu, għandu jkun l-eżami l-inqas invażiv u għandu jsir minn professjonisti mediċi kwalifikati li ***jwasslu***, kemm jista' jkun, għal riżultat li wieħed jista' joqgħod fuqu.	3. Kwalunkwe eżami mediku għandu jsir b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-individwu, għandu jkun l-eżami l-inqas invażiv u għandu jsir minn professjonisti mediċi ***indipendenti, imħarrġa u*** kwalifikati li ***huma familjari mal-isfond etniku u kulturali tal-applikant u f'kooperazzjoni ma' tim multidixxiplinarju b'għarfien espert fid-drittijiet, fil-psikoloġija u fl-iżvilupp tat-tfal, li b'hekk iwasslu,*** kemm jista' jkun, għal riżultat li wieħed jista' joqgħod fuqu.
	Or. en

Emenda 902
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Kwalunkwe eżami mediku għandu jsir b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-individwu***, għandu jkun l-eżami l-inqas invażiv*** u għandu jsir minn professjonisti mediċi kwalifikati li jwasslu, kemm jista' jkun, għal riżultat li wieħed jista' joqgħod fuqu.	3. Kwalunkwe eżami mediku għandu jsir b'rispett sħiħ għad-dinjità tal-individwu u għandu jsir minn professjonisti mediċi kwalifikati li jwasslu, kemm jista' jkun, għal riżultat li wieħed jista' joqgħod fuqu.
	Or. en

Emenda 903
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni*** mhux akkompanjati***, l-awtorità***	4. ***Il-minorenni*** mhux akkompanjati ***għandhom id-dritt għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni li tiddetermina*** l-età

determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu jew hu mistenni b'mod raġonevoli li jifhmu, bil-possibilità li l-età tagħhom ***tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.***

tagħhom**.**

Or. en

Emenda 904
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu ***jew hu mistenni b'mod raġonevoli li jifhmu***, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut	4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, ***inkluż id-dritt ta' appell mid-deċiżjoni dwar l-eżami mediku,*** kif ukoll dwar il-possibilità u l-

min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.	konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku. ***Id-dokumenti kollha li jikkonċernaw l-eżami mediku għandhom jiddaħħlu fil-fajl tal-applikant.***

Or. en

Emenda 905
Péter Niedermüller, Marju Lauristin, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu ***jew hu mistenni b'mod raġonevoli li jifhmu***, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.	4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, ***inkluż id-dritt ta' appell mid-deċiżjoni dwar l-eżami mediku,*** kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku. ***Id-dokumenti kollha li jikkonċernaw l-eżami mediku għandhom jiżdiedu mal-fajl tal-applikant.***

Or. en

Emenda 906

Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati,*** l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu jew hu mistenni b'mod raġonevoli li jifhmu, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar ***il-possibilità u l-konsegwenzi*** ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.	4. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu jew hu mistenni b'mod raġonevoli li jifhmu, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar ***il-konsegwenzi*** ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.

Or. en

Emenda 907
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu jew hu mistenni b'mod raġonevoli li jifhmu, bil-	4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu jew hu mistenni b'mod raġonevoli li jifhmu, ***u fejn***

possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.	***possibbli bl-użu ta' lingwaġġ sempliċi,*** bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.

Or. en

Emenda 908
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Barbara Kudrycka, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu ***jew hu mistenni*** b'mod ***raġonevoli li jifhmu***, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.	4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu ***u*** b'mod ***li jifhmuh it-tfal u adattat għall-età tagħhom***, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.

Or. en

Emenda 909
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu ***jew hu mistenni b'mod raġonevoli li jifhmu***, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.	4. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni mhux akkompanjati, l-awtorità determinanti għandha tiżgura li l-minorenni mhux akkompanjati jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu, bil-possibilità li l-età tagħhom tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-minorenni mhux akkompanjat, jew tal-kustodju tiegħu, illi joqgħod għal eżami mediku.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika sabiex jitjieb l-għoti tal-informazzjoni.

Emenda 910
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. Fejn l-eżamijiet mediċi jintużaw biex tkun determinata l-età tal-minorenni akkompanjati, l-awtorità determinanti

	għandha tiżgura li l-membri tal-familja adulti li jakkompanjawhom jiġu infurmati, qabel l-eżami tal-applikazzjoni tal-minorenni għal protezzjoni internazzjonali, u f'ilsien li huma jistgħu jifhmu jew huma mistennija b'mod raġonevoli li jifhmu, u fejn possibbli bl-użu ta' lingwaġġ sempliċi, bil-possibilità li l-età tal-minorenni akkompanjat tiġi ddeterminata permezz ta' eżami mediku. Dan għandu jinkludi informazzjoni dwar il-metodu tal-eżami u l-konsegwenzi eventwali tar-riżultat tal-eżami mediku għall-eżami tal-applikazzjoni, kif ukoll dwar il-possibilità u l-konsegwenzi ta' rifjut min-naħa tal-membri tal-familja adulti li jakkompanjawhom biex il-minorenni joqgħod għall-eżami mediku.

Or. en

Emenda 911
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rifjut mill-minorenni mhux akkompanjati jew il-kustodji tagħhom li jwettqu eżami mediku jista' jitqies biss bħala suppożizzjoni konfutabbli li l-applikant mhuwiex minorenni u dan ma għandux iwaqqaf lill-awtorità deteminanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 912
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament

Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rifjut mill-minorenni mhux akkompanjati jew il-kustodji tagħhom li jwettqu eżami mediku ***jista'*** jitqies ***biss*** bħala suppożizzjoni ***konfutabbli*** li l-applikant mhuwiex minorenni u dan ma għandux iwaqqaf lill-awtorità deteminanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	5. Ir-rifjut mill-minorenni mhux akkompanjati jew il-kustodji tagħhom***, rispettivament mill-membri tal-familja*** li ***jakkompanjawhom li*** jwettqu eżami mediku ***għandu*** jitqies bħala suppożizzjoni li l-applikant mhuwiex minorenni u dan ma għandux iwaqqaf lill-awtorità deteminanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. ***Ir-rifjut tal-kunsens għall-eżami mediku jista' jitqies wkoll bħala rifjut għal kooperazzjoni billi mhux qed tiġi pprovduta informazzjoni meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni.***

Or. en

Emenda 913
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rifjut mill-minorenni mhux akkompanjati jew il-kustodji tagħhom li jwettqu eżami mediku jista' ***jitqies biss bħala suppożizzjoni konfutabbli*** li l-applikant mhuwiex minorenni ***u dan*** ma għandux iwaqqaf lill-awtorità deteminanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	5. Ir-rifjut mill-minorenni mhux akkompanjati jew il-kustodji tagħhom li jwettqu eżami mediku jista' ***ma jwassalx għas-suppożizzjoni*** li l-applikant mhuwiex minorenni***. Ir-rifjut li jwettqu eżami mediku*** ma għandux iwaqqaf lill-awtorità deteminanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***, madankollu d-deċiżjoni li tiġi rrifjutata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali minn minorenni mhux akkompanjat li rrifjuta li joqgħod għal eżami mediku m'għandhiex tkun ibbażata biss fuq dak ir-rifjut***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test ġie allinjat mad-Direttiva eżistenti dwar il-Proċeduri għall-Asil. B'mod partikolari, ma tista' ssir l-ebda suppożizzjoni dwar l-età tal-applikant fuq il-bażi tar-rifjut tiegħu jew tagħha li joqgħod għal eżami mediku. Ir-rifjut li joqgħod għal eżami mediku jenħtieġ li wkoll qatt ma jifforma l-bażi ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.

Emenda 914
Beatrix von Storch

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rifjut mill-minorenni mhux akkompanjati jew il-kustodji tagħhom li jwettqu eżami mediku jista' jitqies ***biss*** bħala suppożizzjoni konfutabbli li l-applikant mhuwiex minorenni u dan ma għandux iwaqqaf lill-awtorità deteminanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	5. Ir-rifjut mill-minorenni mhux akkompanjati jew il-kustodji tagħhom li jwettqu eżami mediku jista' jitqies bħala suppożizzjoni konfutabbli li l-applikant mhuwiex minorenni u dan ma għandux iwaqqaf lill-awtorità deteminanti milli tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 915
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Ir-rifjut mill-minorenni mhux akkompanjati jew il-kustodji tagħhom li jwettqu eżami mediku jista' jitqies biss bħala suppożizzjoni konfutabbli li l-applikant mhuwiex minorenni u dan ma għandux ***iwaqqaf lill-awtorità deteminanti milli tieħu deċiżjoni dwar*** l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	5. Ir-rifjut mill-minorenni mhux akkompanjati jew il-kustodji tagħhom li jwettqu eżami mediku jista' jitqies biss bħala suppożizzjoni konfutabbli li l-applikant mhuwiex minorenni u dan ma għandux ***ikun l-unika raġuni biex tiġi rrifjutata*** l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 916
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-minorenni mhux akkompanjati għandhom jingħataw id-dritt għal rimedju effettiv kontra d-deċiżjoni li tiddetermina l-età tagħhom.

Or. en

Emenda 917
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Stat Membru għandu jirrikonoxxi deċiżjonijiet tal-valutazzjoni tal-età li jittieħdu minn Stati Membri oħra abbażi ta' eżami mediku li jkun twettaq skont dan l-Artikolu u li jkun ibbażat fuq metodi li huma rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 918
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 24 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Stat Membru ***għandu*** jirrikonoxxi deċiżjonijiet tal-valutazzjoni tal-età li jittieħdu minn Stati Membri oħra abbażi ta' eżami mediku li jkun twettaq skont dan l-Artikolu u li jkun ibbażat fuq metodi li huma rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali tiegħu.	6. Stat Membru ***jista'*** jirrikonoxxi deċiżjonijiet tal-valutazzjoni tal-età li jittieħdu minn Stati Membri oħra abbażi ta' eżami mediku li jkun twettaq skont dan l-Artikolu u li jkun ibbażat fuq metodi li huma rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali tiegħu.

Or. en

Emenda 919
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-tħejjija ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;	It-tħejjija ***u r-reġistrazzjoni*** ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 920
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha ssir meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jesprimu xewqa għall-protezzjoni internazzjonali ***lill-uffiċjali*** ta' ***awtorità determinanti jew*** awtoritajiet oħra ***msemmija fl-Artikolu 5(3) jew (4)***.	Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha ssir meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jesprimu xewqa għall-protezzjoni internazzjonali ***lil:*** ***(a) il-gwardja tal-fruntiera;*** ***(b) il-pulizija;*** ***(c) l-awtoritajiet tal-immigrazzjoni;*** ***(d) l-awtoritajiet responsabbli għall-faċilitajiet*** ta' ***detenzjoni.***

(e) awtoritajiet oħra ***li jkunu ġew fdati mill-Istati Membri b'dawk il-kompiti***.

Or. en

Emenda 921
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha ssir meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jesprimu xewqa għall-protezzjoni internazzjonali lill-uffiċjali ta' awtorità determinanti jew awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 5(3) jew (4).	Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha ssir meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jesprimu xewqa għall-protezzjoni internazzjonali ***bil-fomm jew bil-miktub jew jitolbu li ma jiġux deportati jew mibgħuta lura f'pajjiż terz minħabba biża' ta' persekuzzjoni jew riskju ta' ħsara serja*** lill-uffiċjali ta' awtorità determinanti jew awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 5(3) jew (4).

Or. en

Emenda 922
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha ***ssir*** meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jesprimu xewqa għall-protezzjoni internazzjonali lill-uffiċjali ta' awtorità determinanti jew awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 5(3) jew (4).	Applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha ***titqies li tkun saret*** meta ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jesprimu xewqa għall-protezzjoni internazzjonali lill-uffiċjali ta' awtorità determinanti jew awtoritajiet oħra msemmija fl-Artikolu 5(3) jew (4).

Or. en

Emenda 923
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn dawk l-uffiċjali jkollhom dubji dwar jekk ċerti dikjarazzjonijiet għandhomx jitqiesu bħala applikazzjoni, huma għandhom jistaqsu lill-persuna espressament jekk hi tixtieqx tirċievi protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 924
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 25 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw applikazzjoni għandhom:
	(a) jinfurmaw lill-applikanti dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikoli 28 u 31 fir-rigward tal-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet, l-Artikolu 7 fir-rigward tal-obbligi ta' applikanti u konsegwenzi ta' nonkonformità ma' dawn l-obbligi, l-Artikolu 9 fir-rigward tad-dritt tal-applikanti li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli, u l-Artikolu 8 fir-rigward tal-garanziji ġenerali għall-applikanti;
	(b) jirreġistraw l-applikazzjoni immedjatament. Huma għandhom

jirreġistraw ukoll l-informazzjoni li ġejja:

(i) l-isem, id-data tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità u dettalji personali oħra tal-applikant;

(ii) it-tip u n-numru ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar tal-applikant;

(iii) id-data tal-applikazzjoni, il-post fejn issir l-applikazzjoni u l-awtorità li lilha ġiet ippreżentata l-applikazzjoni;

(iv) jinfurmaw lill-applikant dwar fejn u kif għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali;

(v) jinfurmaw lill-awtoritajiet responsabbli għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza skont id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) tal-applikazzjoni.

2. Il-Kummissjoni tista' tispeċifika l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-applikanti meta ssir applikazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58.

3. Fejn applikazzjonijiet simultanji għal protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati immedjatament meta tkun saret l-applikazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Membru jistgħu jestendu dak il-limitu ta' żmien għal għaxart ijiem ta' xogħol.

Or. en

Emenda 925
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 26	***imħassar***
Kompiti tal-awtoritajiet responsabbli meta ssir applikazzjoni	
1. L-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw applikazzjoni għandhom:	
(a) jinfurmaw lill-applikanti dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikoli 27, 28 u 31 fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet, l-Artikolu 7 fir-rigward tal-obbligi ta' applikanti u konsegwenzi ta' nonkonformità ma' dawn l-obbligi, l-Artikolu 9 fir-rigward tad-dritt tal-applikanti li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli, u l-Artikolu 8 fir-rigward tal-garanziji ġenerali għall-applikanti.	
(b) jirreġistraw l-applikazzjoni skont l-Artikolu 27;	
(c) mar-reġistrazzjoni, jinfurmaw lill-applikant dwar fejn u kif għandha tiġi ppreżentata applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali;	
(d) jinfurmaw lill-awtoritajiet responsabbli għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza skont id-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza) tal-applikazzjoni.	
2. Il-Kummissjoni tista' tispeċifika l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-applikanti meta ssir applikazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58.	

Or. en

Emenda 926
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jinfurmaw lill-applikanti dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikoli 27, 28 u 31 fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet, l-Artikolu 7 fir-rigward tal-obbligi ta' applikanti u konsegwenzi ta' nonkonformità ma' dawn l-obbligi, l-Artikolu 9 fir-rigward tad-dritt tal-applikanti li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli, u l-Artikolu 8 fir-rigward tal-garanziji ġenerali għall-applikanti.	(a) jinfurmaw lill-applikanti ***f'ilsien li jistgħu jifhmu*** dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom stabbiliti, b'mod partikolari, fl-Artikoli 27, 28 u 31 fir-rigward tar-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni ta' applikazzjonijiet, l-Artikolu 7 fir-rigward tal-obbligi ta' applikanti u konsegwenzi ta' nonkonformità ma' dawn l-obbligi, l-Artikolu 9 fir-rigward tad-dritt tal-applikanti li jibqgħu fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli, u l-Artikolu 8 fir-rigward tal-garanziji ġenerali għall-applikanti.

Or. en

Emenda 927
Péter Niedermüller

Proposta għal regolament
Artikolu 26 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kummissjoni ***tista'*** tispeċifika l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-applikanti meta ssir applikazzjoni ***permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58.***	2. Il-Kummissjoni ***għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 59 biex*** tispeċifika l-kontenut tal-informazzjoni li għandha tingħata lill-applikanti meta ssir applikazzjoni

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għoti ta' informazzjoni lill-applikanti huwa dritt proċedurali ewlieni għall-applikanti. Minħabba l-importanza tiegħu, huwa imperattiv li l-koleġiżlaturi jaqblu dwar kwalunkwe att li jispeċifika aktar l-informazzjoni li għandha tingħata lill-applikanti. B'dan il-ħsieb, l-att delegat biss jista' jintuża f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Emenda 928
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 27	***imħassar***
Ir-reġistrazzjoni ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali	
1.	
L-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jirreġistraw applikazzjoni fil-pront, u mhux aktar tard minn tlett ijiem ta' xogħol minn meta ssir. Huma għandhom jirreġistraw ukoll l-informazzjoni li ġejja:	
(a) l-isem, id-data tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità u dettalji personali oħra tal-applikant;	
(b) it-tip u n-numru ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar tal-applikant;	
(c) id-data tal-applikazzjoni, il-post fejn issir l-applikazzjoni u l-awtorità li lilha ġiet ippreżentata bl-applikazzjoni.	
Fejn id-dejta msemmija fil-punti (a) u (b) tkun diġà nkisbet mill-Istati Memrbi qabel ma ssir l-applikazzjoni, din ma għandhiex terġa' tintalab.	
2. Fejn l-informazzjoni tingħabar mill-awtorità determinanti jew minn awtorità oħra li tkun qed tassistiha għall-iskop tal-eżami tal-applikazzjoni, fil-mument tar-	

reġistrazzjoni tista' tinġabar ukoll dejta addizzjonali meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni.

3. Fejn applikazzjonijiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta tkun saret l-applikazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jestendu dak il-limitu ta' żmien għal għaxart ijiem ta' xogħol.

4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 929
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jirreġistraw applikazzjoni fil-pront, u mhux aktar tard minn ***tlett*** ijiem ta' xogħol minn meta ssir. Huma għandhom jirreġistraw ukoll l-informazzjoni li ġejja:	L-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jirreġistraw applikazzjoni fil-pront, u mhux aktar tard minn ***għaxart*** ijiem ta' xogħol minn meta ssir. Huma għandhom jirreġistraw ukoll l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tlett ijiem mhuwiex limitu taż-żmien realistiku f'sitwazzjoni ta' influss tal-massa.

Emenda 930
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jirreġistraw applikazzjoni fil-pront, u mhux aktar tard minn ***tlett*** ijiem ***ta' xogħol*** minn meta ssir. Huma għandhom jirreġistraw ukoll l-informazzjoni li ġejja:	L-awtoritajiet responsabbli li jirċievu u jirreġistraw applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jirreġistraw applikazzjoni fil-pront, u mhux aktar tard minn ***għaxart*** ijiem minn meta ssir. Huma għandhom jirreġistraw ukoll l-informazzjoni li ġejja:

Or. en

Emenda 931
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem, id-data tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità u dettalji personali oħra tal-applikant;	(a) l-isem, id-data tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità u dettalji personali oħra tal-applikant***, inkluż, fejn rilevanti, l-identità tal-ġeneru tal-applikant***;

Or. en

Emenda 932
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem, id-data tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità ***u dettalji personali oħra tal-applikant***;	(a) l-isem, id-data tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità***, l-istatus tal-familja***;

Or. en

Emenda 933
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini, Jean Lambert

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-isem, id-data tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità ***u dettalji personali oħra tal-applikant***;	(a) l-isem, id-data tat-twelid, is-sess, in-nazzjonalità ***jew l-apolidija***;

Or. en

Emenda 934
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) dettalji personali oħra tal-applikant bħall-istatus tal-familja u s-saħħa;

Or. en

Emenda 935
Ska Keller

f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tip u n-numru ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar tal-applikant;	(b) it-tip u n-numru ta' kwalunkwe dokument tal-identità jew tal-ivvjaġġar tal-applikant ***jekk disponibbli***;

Or. en

Emenda 936
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istat Membru determinanti għandu jwettaq verifika bir-reqqa tas-sigurtà ta' kull applikant kemm jista' jkun malajr wara r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 937
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Jean Lambert, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta l-individwu jiddikjara li m'għandux ċittadinanza dan jenħtieġ li jiġi rreġistrat b'mod ċar, u l-individwu jiġi riferut għal mekkaniżmu ddedikat ta' identifikazzjoni tal-apolidija għal

konferma ta' dan l-istatus fil-waqt xieraq.

Or. en

Emenda 938
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn l-informazzjoni tingħabar mill-awtorità determinanti jew minn awtorità oħra li tkun qed tassistiha għall-iskop tal-eżami tal-applikazzjoni, fil-mument tar-reġistrazzjoni tista' tingħabar ukoll dejta addizzjonali meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni.	2. Fejn l-informazzjoni tingħabar mill-awtorità determinanti jew minn awtorità oħra li tkun qed tassistiha għall-iskop tal-eżami tal-applikazzjoni, fil-mument tar-reġistrazzjoni tista' tingħabar ukoll dejta addizzjonali meħtieġa għall-eżami tal-applikazzjoni. ***L-awtoritajiet tal-Istat Membru li jeżaminaw jew jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjoni għandu jkollhom aċċess għad-data ta' Dħul u Ħruġ tal-applikant imsemmija fir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (is-Sistema ta' Dħul u Ħruġ).***

Or. en

Emenda 939
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikazzjonijiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-applikazzjonijiet	3. Fejn applikazzjonijiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-applikazzjonijiet

jiġu rreġistrati fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta tkun saret l-applikazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jestendu dak il-limitu ta' żmien għal ***għaxart*** ijiem ta' xogħol.	jiġu rreġistrati fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta tkun saret l-applikazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jestendu dak il-limitu ta' żmien għal ***ħamest*** ijiem ta' xogħol.

Or. en

Emenda 940
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikazzjonijiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta tkun saret l-applikazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jestendu dak il-limitu ta' żmien għal ***għaxart*** ijiem ***ta' xogħol***.	3. Fejn applikazzjonijiet simultanji għall-protezzjoni internazzjonali minn numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat jagħmluha diffiċli fil-prattika biex l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati fi żmien tlett ijiem ta' xogħol minn meta tkun saret l-applikazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jestendu dak il-limitu ta' żmien għal ***sebat*** ijiem.

Or. en

Emenda 941
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu ***jew fejn tirrigwardja***	4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu.

persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 942
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal ***għaxar snin*** mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal ***sena*** mid-data ta' deċiżjoni finali ***dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, inkluż fil-livelli kollha ta' appell***. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa possibbli li, fil-kuntest ta' applikazzjonijiet sussegwenti, ir-reġistrazzjoni tad-data personali tal-applikant tista' tkun utli wara li tkun ittieħdet id-deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni. Madankollu, minħabba l-limiti ta' żmien biex l-applikazzjonijiet jiġu indirizzati b'mod ġenerali, u b'mod partikolari l-applikazzjonijiet sussegwenti, huwa impossibbli li wieħed jifhem għaliex dik l-informazzjoni għandha tinżamm għal perjodu ta' għaxar snin. Sena waħda wara d-deċiżjoni finali jenħtieġ li tkun aktar milli suffiċjenti.

Emenda 943
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif ***l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna*** kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal għaxar snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif ***il-persuna*** kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 944
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal ***għaxar*** snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal ***ħames*** snin mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emenda tfittex li tallinja l-perjodu taż-żamma ta' data għall-perjodu ta' ħames snin maqbul fil-pożizzjoni tal-PE tal-proposta tal-Eurodac.

Emenda 945
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 27 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal ***għaxar snin*** mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	4. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu kull sett ta' dejta msemmija fil-paragrafu 1 u kull dejta rilevanti oħra miġbura skont il-paragrafu 2 għal ***sentejn*** mid-data ta' deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 946
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***għaxart ijiem*** ta' xogħol mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.	1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***20 jum*** ta' xogħol mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata ***jew mhux aktar tard mid-data tal-appuntament mogħti skont il-paragrafu 5,*** sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta'

	żmien. ***Meta tintalab assistenza legali mingħajr ħlas, il-perjodu ta' żmien biex tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għandu jibda jgħodd mill-ħatra tal-konsulent legali jew konsulent ieħor, jew fejn l-għoti ta' assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas jiġi rrifjutat skont l-Artikolu 15(3).***

Or. en

Emenda 947
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***għaxart ijiem*** ta' xogħol mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.	1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***għoxrin jum*** ta' xogħol mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien***, inkluż l-aċċess għal tradutturi u interpreti, u konsulent legali***.

Or. en

Emenda 948
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***għaxart ijiem*** ta' xogħol mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.	1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***għoxrin jum*** ta' xogħol mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa aħjar li f'dan l-istadju tiġi żgurata applikazzjoni kompluta, preċiża u ta' kwalità għolja milli l-affarijiet isiru bl-għaġla għaliex dan jista' jikkawża dewmien akbar u piż amministrattiv addizzjonali aktar tard bi preżentazzjonijiet addizzjonali.

Emenda 949
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***għaxart ijiem*** ta' xogħol mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.	1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***ħmistax-il jum*** ta' xogħol mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.

Or. en

Emenda 950
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***għaxart ijiem ta' xogħol*** mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.	1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***xahar*** mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.

Or. en

Emenda 951

Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***għaxart*** ijiem ***ta' xogħol*** mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.	1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***sebat*** ijiem mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.

Or. en

Emenda 952
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***għaxart ijiem ta' xogħol*** mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.	1. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni fi żmien ***xahar*** mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata sakemm jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan f'dak il-limitu ta' żmien.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-prattika mhuwiex possibbli li jiġu applikati dawn il-limiti ta' żmien qosra.

Emenda 953
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Marju Lauristin, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità rsponsabbli li tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jagħtu lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta applikazzjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1.	2. L-awtorità rsponsabbli li tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jagħtu lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta applikazzjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1. ***Skont l-Artikolu 14(1), l-applikant għandu jkollu d-dritt għal għajnuna u rappreżentanza legali biex iħejji l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u għandu jkun infurmat dwar dak id-dritt, inkluż id-dritt għal għajnuna u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fejn xieraq. Meta tintalab assistenza legali mingħajr ħlas, il-limitu ta' żmien biex tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għandu jibda jgħodd mill-ħatra tal-konsulent legali jew konsulent ieħor.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dritt tal-applikant għall-assistenza u r-rappreżentanza legali qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni huwa importanti ħafna u jrid ikun ċar. Din l-emenda hija konsistenti mal-emendi proposti għall-Artikoli 14(1) u 15(1) tat-test.

Emenda 954
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun hemm numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li japplikaw b'mod simultanju għall-protezzjoni internazzjonali, li jagħmilha diffiċli fil-prattika li l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, l-awtorità responsabbli għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li	3. Fejn ikun hemm numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li japplikaw b'mod simultanju għall-protezzjoni internazzjonali, li jagħmilha diffiċli fil-prattika li l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, l-awtorità responsabbli għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li

jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu mhux aktar tard minn ***xahar*** wara d-data meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.	jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu mhux aktar tard minn ***tliet ġimgħat*** wara d-data meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 955
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun hemm numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li japplikaw b'mod simultanju għall-protezzjoni internazzjonali, li jagħmilha diffiċli fil-prattika li l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, l-awtorità responsabbli għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu mhux aktar tard minn ***xahar*** wara d-data meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.	3. Fejn ikun hemm numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li japplikaw b'mod simultanju għall-protezzjoni internazzjonali, li jagħmilha diffiċli fil-prattika li l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1, l-awtorità responsabbli għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu mhux aktar tard minn ***ġimagħtejn*** wara d-data meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 956
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn ikun hemm numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li japplikaw b'mod simultanju għall-protezzjoni internazzjonali, li jagħmilha diffiċli fil-prattika li l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1,	3. Fejn ikun hemm numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li japplikaw b'mod simultanju għall-protezzjoni internazzjonali, li jagħmilha diffiċli fil-prattika li l-applikazzjonijiet jiġu rreġistrati fil-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu 1,

l-awtorità responsabbli għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu ***mhux aktar tard minn xahar wara d-data*** meta ***tiġi rreġistrata l-applikazzjoni***.	l-awtorità responsabbli għandha tagħti lill-applikant opportunità effettiva li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu ***kull*** meta ***dan ikun possibbli u skont il-prijorità***.

Or. en

Emenda 957
Alessandra Mussolini, Salvatore Domenico Pogliese

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jippreżentaw applikazzjoni, l-applikanti ***huma meħtieġa li*** jippreżentaw l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom. Wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti se jkunu awtorizzati li jippreżentaw kwalunkwe element addizzjonali rilevanti għall-eżami tiegħu sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni taħt il-proċedura amministrattiva.	Meta jippreżentaw applikazzjoni, l-applikanti ***għandhom*** jippreżentaw l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom. ***Għandu jikkoopera mal-awtorità determinanti u għandu jibqa' preżenti u disponibbli matul il-proċedura.*** Wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti se jkunu awtorizzati li jippreżentaw kwalunkwe element addizzjonali rilevanti għall-eżami tiegħu sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni taħt il-proċedura amministrattiva.

Or. en

Emenda 958
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jippreżentaw applikazzjoni, l-applikanti huma meħtieġa li jippreżentaw l-elementi kollha ***msemmija*** fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom. Wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti se jkunu awtorizzati li jippreżentaw kwalunkwe element addizzjonali rilevanti għall-eżami tiegħu sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni taħt il-proċedura amministrattiva.	Meta jippreżentaw applikazzjoni, l-applikanti huma meħtieġa li jippreżentaw l-elementi kollha ***fil-pussess tagħhom imsemmija*** fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom. Wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti se jkunu awtorizzati li jippreżentaw kwalunkwe element addizzjonali rilevanti għall-eżami tiegħu sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni taħt il-proċedura amministrattiva.

Or. en

Emenda 959
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Birgit Sippel

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta jippreżentaw applikazzjoni, l-applikanti huma meħtieġa li jippreżentaw l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 4(***1***) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom. Wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti se jkunu awtorizzati li jippreżentaw kwalunkwe element addizzjonali rilevanti għall-eżami tiegħu sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni taħt il-proċedura amministrattiva.	Meta jippreżentaw applikazzjoni, l-applikanti huma meħtieġa li jippreżentaw l-elementi kollha msemmija fl-Artikolu 4(***2***) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar il-Kwalifika) meħtieġa biex jissostanzjaw l-applikazzjoni tagħhom. Wara l-preżentazzjoni tal-applikazzjoni tagħhom, l-applikanti se jkunu awtorizzati li jippreżentaw kwalunkwe element addizzjonali rilevanti għall-eżami tiegħu sakemm tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni taħt il-proċedura amministrattiva.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-elementi għall-preżentazzjoni huma stabbiliti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament dwar il-Kwalifika.

Emenda 960
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità responsabbli li tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tinforma lill-applikant li wara li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, hu jista' jressaq biss elementi ġodda li huma rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu***, u li ma setax ikun konxju dwarhom fi stadju aktar bikri*** jew li jirrigwardjaw tibdil fis-sitwazzjoni tiegħu.	L-awtorità responsabbli li tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tinforma lill-applikant li wara li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, hu jista' jressaq biss elementi ġodda li huma rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jew li jirrigwardjaw tibdil fis-sitwazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 961
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità responsabbli li tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tinforma lill-applikant li wara li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, hu jista' jressaq biss elementi ġodda li huma rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu***, u li ma setax ikun konxju dwarhom fi stadju aktar bikri*** jew li jirrigwardjaw tibdil fis-sitwazzjoni tiegħu.	L-awtorità responsabbli li tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tinforma lill-applikant li wara li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, hu jista' jressaq biss elementi ġodda li huma rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jew li jirrigwardjaw tibdil fis-sitwazzjoni tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikant jenħtieġ li jkollu d-dritt li jressaq elementi ġodda rilevanti għall-applikazzjoni tiegħu jew tagħha fl-istadji kollha qabel tittieħed id-deċiżjoni.

Emenda 962
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-awtorità responsabbli li tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tinforma lill-applikant li wara li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, hu jista' jressaq ***biss*** elementi ġodda li huma rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, u li ma setax ikun konxju dwarhom fi stadju aktar bikri jew li jirrigwardjaw tibdil fis-sitwazzjoni tiegħu.	L-awtorità responsabbli li tirċievi u tirreġistra applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tinforma lill-applikant li wara li tittieħed id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, hu jista' jressaq ***kwalunkwe*** elementi ġodda li huma rilevanti għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, u li ma setax ikun konxju dwarhom ***jew ma setax jipprovdi*** fi stadju aktar bikri jew li jirrigwardjaw tibdil fis-sitwazzjoni tiegħu.

Or. en

Emenda 963
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun ippreżentata personalment u f'post indikat. Għal dan il-għan, meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni, l-applikant għandu jingħata appuntament mal-awtoritajiet kompeteti	5. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun ippreżentata personalment u f'post indikat. Għal dan il-għan, meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni, l-applikant għandu jingħata appuntament mal-awtoritajiet kompeteti

għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni. ***Id-data ta' tali appuntament għandha tiġi stabbilita mhux aktar kmieni minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data meta l-applikazzjoni tiġi rreġistrata, sakemm il-kunsens tal-applikant ma jingħatax wara li tasal l-informazzjoni xierqa dwar l-obbligu li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni u d-dritt għall-assistenza u r-rappreżentanza legali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikant jeħtieġlu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha f'perjodu ta' 15-il jum ta' xogħol mid-data tar-reġistrazzjoni imma sabiex jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha, l-applikant jeħtieġ appuntament. Biex jiġi żgurat li l-applikant jingħata biżżejjed żmien biex iħejji għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni huwa jew hija jenħtieġ li jingħata appuntament mhux aktar kmieni minn 10 ijiem ta' xogħol wara r-reġistrazzjoni, sakemm huwa jew hija ma jagħtix il-kunsens għal appuntament aktar kmieni.

Emenda 964
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun ippreżentata personalment u f'post indikat. Għal dan il-għan, meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni, l-applikant għandu jingħata appuntament mal-awtoritajiet kompeteti għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.	5. L-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun ippreżentata personalment u f'post indikat. ***L-applikant se jkun jista' jippreżenta l-applikazzjoni akkompanjat minn interpretu u/jew konsulent legali.*** Għal dan il-għan, meta tiġi rreġistrata l-applikazzjoni, l-applikant għandu jingħata appuntament mal-awtoritajiet kompeteti għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 965

Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal għaxar snin mid-data ta deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu ***jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza***.	6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal għaxar snin mid-data ta deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu.

Or. en

Emenda 966
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal ***għaxar snin*** mid-data ta deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal ***sena*** mid-data ta deċiżjoni finali ***dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, inkluż fil-livelli kollha ta' appell***. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konsistenza mal-emendi mressqa għall-Artikolu 13(7) u l-Artikolu 27(4).

Emenda 967
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal għaxar snin mid-data ta deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif ***l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna*** kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal għaxar snin mid-data ta deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif ***il-persuna*** kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 968
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal ***għaxar*** snin mid-data ta deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal ***ħames*** snin mid-data ta deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjament mal-pożizzjoni tal-PE dwar iż-żamma ta' data fl-Eurodac.

Emenda 969
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 28 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal ***għaxar snin*** mid-data ta deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.	6. L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħżnu id-dejta msemmija fil-paragrafu 4 għal ***sentejn*** mid-data ta deċiżjoni finali. Id-dejta għandha titħassar meta jiskadi dak il-perjodu jew fejn tirrigwardja persuna li tkun kisbet ċittadinanza ta' kwalunkwe Stat Membru qabel ma jiskadi dak il-perjodu hekk kif l-Istat Membru jiġi infurmat li l-persuna kkonċernata tkun kisbet din iċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 970
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet tal-Istati Membri fejn issir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandhom, mar-reġistrazzjoni, jipprovdu lill-applikant b'dokument ***li jiċċertifika, b'mod partikolari, li tkun saret applikazzjoni u li jiddikjara li l-applikant jista' jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat Membru sabiex***	1. L-awtoritajiet tal-Istati Membri fejn issir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandhom, ***mhux aktar tard minn*** mar-reġistrazzjoni, jipprovdu lill-applikant b'dokument ***f'ismu jew isimha stess:***

jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu kif previst f'dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 971
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-awtoritajiet tal-Istati Membri fejn issir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandhom, mar-reġistrazzjoni, jipprovdu lill-applikant b'dokument li jiċċertifika, b'mod partikolari, li tkun saret applikazzjoni u li jiddikjara li l-applikant jista' jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat Membru sabiex jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu kif previst ***f'dan ir-Regolament***.	1. L-awtoritajiet tal-Istati Membri fejn issir applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandhom, mar-reġistrazzjoni, jipprovdu lill-applikant b'dokument li jiċċertifika, b'mod partikolari, li tkun saret applikazzjoni u li jiddikjara li l-applikant jista' jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat Membru sabiex jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu kif previst ***f'din id-Direttiva***.

Or. en

Emenda 972
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(a) li jiddikjara l-identità tal-applikant billi jinkludi tal-anqas id-data msemmija fl-Artikolu 27(1)(a) u (b), ivverifikata u aġġornata fejn meħtieġ, kif ukoll immaġni tal-wiċċ tal-applikant, il-firma u l-post ta' residenza attwali;

Or. en

Emenda 973
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) li jiddikjara l-awtorità emittenti, id-data u l-post tal-ħruġ u l-perjodu ta' validità tad-dokument;

Or. en

Emenda 974
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(c) li jiċċertifika l-istatus tal-individwu bħala applikant;

Or. en

Emenda 975
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(d) li jiddikjara li l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat

Membru u li jindika jekk l-applikant hux ħieles li jiċċaqlaq fit-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru jew f'parti minnu;

Or. en

Emenda 976
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(e) li jiddikjara li d-dokument mhux dokument tal-ivvjaġġar validu u li jindika li l-applikant mhux permess li jivvjaġġa mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra sakemm tkun ġiet stabbilita l-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);

Or. en

Emenda 977
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1 – punt f (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(f) li jiddikjara jekk l-applikant għandux permess li jaċċetta impjieg bi ħlas.

Or. en

Emenda 978
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tiġi ppreżentata l-applikazzjoni għandhom jipprovdu lill-applikant b'dokument f'ismu:	***imħassar***
(a) li jiddikjara l-identità tal-applikant billi jinkludi tal-anqas id-dejta msemmija fl-Artikolu 27(1)(a) u (b), ivverifikata u aġġornata fejn meħtieġ, kif ukoll immaġni tal-wiċċ tal-applikant, firma, il-post ta' residenza kurrenti u d-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni;	
(b) li jiddikjara l-awtorità emittenti, id-data u l-post tal-ħruġ u l-perjodu ta' validità tad-dokument;	
(c) li jiċċertifika l-istatus tal-individwu bħala applikant;	
(d) li jiddikjara li l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u li jindika jekk l-applikant hux ħieles li jiċċaqlaq fit-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru jew f'parti minnu;	
(e) li jiddikjara li d-dokument mhux dokument tal-ivvjaġġar validu u li jindika li l-applikant mhux permess li jivvjaġġa mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra sakemm tkun ġiet stabbilita l-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);	

(f) li jiddikjara jekk l-applikant għandux permess li jaċċetta impjieg bi ħlas.

Or. en

Emenda 979
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) li jiddikjara li l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u li jindika ***jekk*** l-applikant ***hux*** ħieles li jiċċaqlaq fit-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru ***jew f'parti minnu***;	(d) li jiddikjara li l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju ta' dak l-Istat Membru u li jindika ***li*** l-applikant ***hu*** ħieles li jiċċaqlaq fit-territorju kollu ta' dak l-Istat Membru;

Or. en

Emenda 980
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) li jiddikjara li d-dokument mhux dokument tal-ivvjaġġar validu u li jindika li l-applikant ***mhux permess li*** jivvjaġġa mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra sakemm tkun ġiet stabbilita l-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);	(e) li jiddikjara li d-dokument mhux dokument tal-ivvjaġġar validu u li jindika li l-applikant ***jista'*** jivvjaġġa mingħajr awtorizzazzjoni lejn it-territorju ta' Stati Membri oħra sakemm ***huwa jew hija jkun jista' jiġi kkuntattjat sakemm*** tkun ġiet stabbilita l-proċedura għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin);

Or. en

Emenda 981
Péter Niedermüller, Kati Piri, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) li jiddikjara ***jekk*** l-applikant ***għandux*** permess li jaċċetta impjieg bi ħlas.	(f) li jiddikjara ***mil-liema data*** l-applikant ***għandu*** permess li jaċċetta impjieg bi ħlas.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Skont il-pożizzjoni tal-Parlament fid-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, l-applikant għandu aċċess għas-suq tax-xogħol xahrejn wara li jagħmel l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha (jekk ma tkun ittieħdet l-ebda deċiżjoni). Id-dokument ta' reġistrazzjoni jenħtieġ li għalhekk jindika sempliċiment id-data li fiha l-applikant ikollu permess jibda jaħdem.

Emenda 982
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 2 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) Meta d-data msemmija fl-Artikolu 27(1)(a) tinkludi l-identità tal-ġeneru tal-applikant li tkun differenti mill-ġeneru legali tagħhom, id-dokument għandu jsemmi l-isem, il-markatur tal-ġeneru, u data oħra bbażata fuq il-ġeneru li tikkorrispondi għall-identità tal-ġeneru tal-applikant.

Or. en

Emenda 983
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn, wara proċedura ta' determinazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), Stat Membru ieħor jiġi indikat bħala responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom jipprovdu lill-applikant b'dokument imsemmi fil-paragrafu 2 fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mit-trasferiment tal-applikant lejn dak l-Istat Membru.	***imħassar***

Or. bg

Emenda 984
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn, wara proċedura ta' determinazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), Stat Membru ieħor jiġi indikat bħala responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom jipprovdu lill-applikant b'dokument imsemmi fil-paragrafu ***2*** fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mit-trasferiment tal-applikant lejn dak l-Istat Membru.	3. Fejn, wara proċedura ta' determinazzjoni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), Stat Membru ieħor jiġi indikat bħala responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru għandhom jipprovdu lill-applikant b'dokument imsemmi fil-paragrafu ***1*** fi żmien tlett ijiem ta' xogħol mit-trasferiment tal-applikant lejn dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 985
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-awtorità determinanti għandha tipprovdi lill-applikant b'dokument li jiċċertifika li applikazzjoni ġiet ippreżentata skont l-Artikolu 28 u jelenka l-elementi ppreżentati mill-applikant, meta jippreżenta l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 986
Péter Niedermüller, Elly Schlein, Cécile Kashetu Kyenge, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun validu għal perjodu ta' sitt xhur ***li*** għandu jiġġedded ***kif mistħoqq*** sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.	Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun validu għal perjodu ta' sitt xhur ***u*** għandu jiġġedded ***b'mod awtomatiku meta ma tkun ittieħdet l-ebda deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali,*** sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa importanti li tiġi żgurata n-natura awtomatika tat-tiġdid tad-dokument li jiċċertifika d-dritt tal-applikant li jibqa' (fin-nuqqas ta' deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni).

Emenda 987
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun validu għal perjodu ta' ***sitt xhur*** li għandu jiġġedded kif mistħoqq sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.	Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun validu għal perjodu ta' ***mill-inqas ġimagħtejn imma mhux aktar minn 12-il xahar*** li għandu jiġġedded kif mistħoqq sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Emenda 988
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dokument imsemmi fil-paragrafu ***2*** għandu jkun validu għal perjodu ta' sitt xhur li għandu jiġġedded kif mistħoqq sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.	Id-dokument imsemmi fil-paragrafu ***1*** għandu jkun validu għal perjodu ta' ***mill-inqas*** sitt xhur li għandu jiġġedded kif mistħoqq sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Emenda 989
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 2	Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 2

għandu jkun validu għal perjodu ta' ***sitt xhur*** li għandu jiġġedded kif mistħoqq sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.	għandu jkun validu għal perjodu ta' ***tnax-il xahar*** li għandu jiġġedded kif mistħoqq sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Perjodu qasir ta' validità jimplika xogħol addizzjonali għall-awtoritajiet amministrattivi tagħna fir-rigward tal-ħtieġa kontinwa li jiġu estiżi dawn id-dokumenti. Perjodu ta' validità itwal jenħtieġ li jnaqqas il-ħtieġa għal xogħol amministrattiv u ma jagħtix dritt aktar estensiv li wieħed jibqa' fit-territorju jekk id-dritt ikun ġie mwaqqaf jew sospiż skont il-paragrafu li jmiss.

Emenda 990
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun validu għal perjodu ta' ***sitt*** xhur li għandu jiġġedded kif mistħoqq sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.	Id-dokument imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun validu għal perjodu ta' ***ħames*** xhur li għandu jiġġedded kif mistħoqq sabiex ikun żgurat li l-validità ta' dak id-dokument tkopri l-perjodu li matulu l-applikant għandu d-dritt li jibqa' fit-territorju tal-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Marbuta mal-emenda għall-Artikolu 34 li tqassar il-limitu ta' żmien għal proċedura ta' eżami normali minn sitta għal ħames xhur.

Emenda 991
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-perjodu ta' validità indikat fuq id-dokument ***ma jikkostitwix*** dritt li wieħed jibqa' fit-territorju ***fejn dak id-dritt ġie mwaqqaf jew sospiż***.	Il-perjodu ta' validità indikat fuq id-dokument ***jikkostitwixxi*** dritt li wieħed jibqa' fit-territorju.

Or. en

Emenda 992
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni ***tista'*** tispeċifika l-forma u l-kontenut tad-dokumenti li għandhom jingħataw lill-applikanti mar-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58.	5. Il-Kummissjoni ***għandha*** tispeċifika l-forma u l-kontenut tad-dokumenti li għandhom jingħataw lill-applikanti mar-reġistrazzjoni u l-preżentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 58.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jekk irridu approċċ armonizzat għall-proċeduri, l-Istati Membri jenħtieġ li joħorġu dokumenti simili li jiċċertifikaw id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju. L-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-forma u l-kontenut ta' tali dokument jenħtieġ li għalhekk jiġi adottat.

Emenda 993
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. ***Fejn hemm indikazzjonijiet li ċittadini*** ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, ***jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni*** dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fejn:	1. ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw liċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fejn:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jinsabu f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li qed jinżammu f'punti ta' qsim tal-fruntieri jenħtieġ li dejjem jiġu infurmati dwar id-dritt tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali.

Emenda 994
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn hemm indikazzjonijiet li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni ***dwar il-possibilità*** li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fejn:	1. Fejn hemm indikazzjonijiet***, inkluż informazzjoni mill-NGOs,*** li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni ***u jipprovdu l-possibilità*** li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fejn:

Or. en

Emenda 995
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn hemm indikazzjonijiet li ċittadini*** ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni***,*** jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali***, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni*** dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali***, b'mod partikolari fejn:***	1. ***L-awtoritajiet responsabbli għandhom jinfurmaw liċ-ċittadini kollha*** ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni ***u li*** jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni jenħtieġ li tingħata lil kulħadd, mhux biss lil gruppi speċifikati.

Emenda 996
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn hemm indikazzjonijiet li*** ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, ***jistgħu jinħtieġu*** protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fejn:	1. ***L-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk*** ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, ***humiex fil-bżonn ta'*** protezzjoni internazzjonali***. Jekk inhu hekk***, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fejn:

Or. en

Emenda 997
Brice Hortefeux, Rachida Dati

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn hemm*** indikazzjonijiet li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fejn:	1. ***Jekk, insostenn ta'*** indikazzjonijiet ***huwa mifhum*** li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari fejn:

Or. fr

Emenda 998
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Fejn hemm indikazzjonijiet li ċittadini*** ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni***, jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni*** dwar ***il-possibilità*** li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali***, b'mod partikolari fejn:***	1. ***L-awtoritajiet responsabbli għandhom jinfurmaw liċ-ċittadini*** ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni dwar ***id-dritt*** li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali ***u fil-pront jirreferuhom għall-awtoritajiet tal-asil kompetenti.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiż terz miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew preżenti fil-punti tal-qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu, fil-fruntieri esterni, għandhom jiġu infurmati fil-pront mill-awtoritajiet kompetenti dwar id-dritt tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali. It-tfal u l-persuni vulnerabbli m'għandhomx jitqiegħdu f'faċilità ta' detenzjoni jew jinżammu fil-fruntieri jew f'żoni ta' tranżitu.

Emenda 999
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn hemm indikazzjonijiet li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali**,** ***b'mod partikolari fejn:***	1. Fejn hemm indikazzjonijiet li ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni, jistgħu jinħtieġu protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet responsabbli għandhom jagħtuhom informazzjoni dwar il-possibilità li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali**.**

Or. en

Emenda 1000
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) x'aktarx li dik il-persuna hija minorenni mhux akkompanjat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1001
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) x'aktarx li dik il-persuna hija minorenni mhux akkompanjat;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiż terz miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew preżenti fil-punti tal-qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu, fil-fruntieri esterni, għandhom jiġu infurmati fil-pront mill-awtoritajiet kompetenti dwar id-dritt tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali. It-tfal u l-persuni vulnerabbli m'għandhomx jitqiegħdu f'faċilità ta' detenzjoni jew jinżammu fil-fruntieri jew f'żoni ta' tranżitu.

Emenda 1002
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) x'aktarx li dik il-persuna hija minorenni mhux akkompanjat;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Marbuta mal-emenda għall-Artikolu 30(1).

Emenda 1003
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun hemm indikazzjonijiet ovvji li l-persuna tbati minn mard mentali jew problemi oħra li jagħmluha impossibbli li din tkun tista'tiddikjara l-ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1004
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun hemm indikazzjonijiet ovvji li l-persuna tbati minn mard mentali jew problemi oħra li jagħmluha impossibbli li din tkun tista'tiddikjara l-ħtieġa għal protezzjoni internazzjonali;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Marbuta mal-emenda għall-Artikolu 30(1).

Emenda 1005
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ikun hemm indikazzjonijiet ovvji li l-persuna tbati minn mard mentali jew problemi oħra li jagħmluha impossibbli li din tkun tista'tiddikjara l-ħtieġa għal	***imħassar***

protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iċ-ċittadini kollha ta' pajjiż terz miżmuma f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew preżenti fil-punti tal-qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu, fil-fruntieri esterni, għandhom jiġu infurmati fil-pront mill-awtoritajiet kompetenti dwar id-dritt tagħhom li japplikaw għal protezzjoni internazzjonali. It-tfal u l-persuni vulnerabbli m'għandhomx jitqiegħdu f'faċilità ta' detenzjoni jew jinżammu fil-fruntieri jew f'żoni ta' tranżitu.

Emenda 1006
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-persuna tkun waslet minn pajjiż ta' oriġini speċifiku u x'aktarx li tkun tehtieġ protezzjoni internazzjonali minħabba sitwazzjoni magħrufa sew f'dak il-pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1007
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-persuna tkun waslet minn pajjiż ta' oriġini speċifiku u x'aktarx li tkun tehtieġ protezzjoni internazzjonali minħabba sitwazzjoni magħrufa sew f'dak il-pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1008
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-persuna tkun waslet minn pajjiż ta' oriġini speċifiku u x'aktarx li tkun teħtieġ protezzjoni internazzjonali minħabba sitwazzjoni magħrufa sew f'dak il-pajjiż terz.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Marbuta mal-emenda għall-Artikolu 30(1).

Emenda 1009
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Organizzazzjonijiet u persuni ***li*** jipprovdu pariri u konsulenza għandu jkollhom aċċess effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jinżammu f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni.	Organizzazzjonijiet u persuni ***akkreditati skont il-liġi nazzjonali biex*** jipprovdu pariri u konsulenza għandu jkollhom aċċess effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jinżammu f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jiġi ċċarat liema organizzazzjonijiet u persuni għandhom dan l-aċċess skont il-liġi nazzjonali.

Emenda 1010
Miltiadis Kyrkos

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Organizzazzjonijiet u persuni ***li*** jipprovdu pariri u konsulenza għandu jkollhom aċċess effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jinżammu f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni.	Organizzazzjonijiet u persuni ***akkreditati skont il-liġi nazzjonali biex*** jipprovdu pariri u konsulenza għandu jkollhom aċċess effettiv għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jinżammu f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni.

Or. en

Emenda 1011
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Organizzazzjonijiet u persuni li jipprovdu pariri ***u konsulenza għandu jkollhom*** aċċess ***effettiv*** għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jinżammu f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni.	Persuni li jipprovdu pariri ***jistgħu jingħataw*** aċċess għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qed jinżammu f'faċilitajiet ta' detenzjoni jew li jinsabu f'punti ta' qsim tal-fruntieri, inklużi żoni ta' tranżitu fil-fruntieri esterni.

Or. en

Emenda 1012
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jimponu limiti fuq tali aċċess fejn, minħabba l-liġi nazzjonali, huma neċessarji għas-sigurtà, l-ordni pubbliku jew il-ġestjoni amministrattiva tal-punti ta' qsim ikkonċernati jew ta' faċilità ta' detenzjoni, sakemm l-aċċess ma jkunx limitat severament jew ma jsirx impossibbli.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1013
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jimponu limiti fuq tali aċċess fejn, minħabba l-liġi nazzjonali, huma neċessarji għas-sigurtà***,** l-ordni pubbliku ***jew il-ġestjoni amministrattiva*** tal-punti ta' qsim ikkonċernati jew ta' faċilità ta' detenzjoni, sakemm l-aċċess ma jkunx limitat severament jew ma jsirx impossibbli.	L-Istati Membri jistgħu jimponu limiti fuq tali aċċess fejn, minħabba l-liġi nazzjonali, huma neċessarji għas-sigurtà ***jew*** l-ordni pubbliku tal-punti ta' qsim ikkonċernati jew ta' faċilità ta' detenzjoni, sakemm l-aċċess ma jkunx limitat severament jew ma jsirx impossibbli. ***L-aċċess għal rappreżentanti legali għandu jiġi żgurat fiċ-ċirkostanzi kollha.***

Or. en

Emenda 1014
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri jistgħu jimponu limiti fuq	L-Istati Membri jistgħu jimponu limiti fuq

tali aċċess fejn, minħabba l-liġi nazzjonali, huma neċessarji għas-sigurtà**,** l-ordni pubbliku ***jew il-ġestjoni amministrattiva*** tal-punti ta' qsim ikkonċernati jew ta' faċilità ta' detenzjoni, sakemm l-aċċess ma jkunx limitat severament jew ma jsirx impossibbli.	tali aċċess fejn, minħabba l-liġi nazzjonali, huma neċessarji għas-sigurtà ***jew*** l-ordni pubbliku tal-punti ta' qsim ikkonċernati jew ta' faċilità ta' detenzjoni, sakemm l-aċċess ma jkunx limitat severament jew ma jsirx impossibbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-aċċess għall-faċilitajiet ta' detenzjoni jew għall-punti ta' qsim tal-fruntiera jenħtieġ li ma jkunx limitat għal raġunijiet ta' "ġestjoni amministrattiva".

Emenda 1015
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjonijiet f'isem il-konjuġi, is-sieħeb, minorenni jew adult dipendenti	***Eżami konġunt tal-applikazzjonijiet***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex tingħata l-possibilità lill-Istati Membri jeżaminaw b'mod konġunt l-applikazzjonijiet.

Emenda 1016
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjonijiet f'isem il-konjuġi, ***is-sieħeb,*** minorenni jew adult dipendenti	Applikazzjonijiet f'isem il-konjuġi, minorenni jew adult dipendenti

Or. hu

Emenda 1017
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjonijiet f'isem ***il-konjuġi, is-sieħeb,*** minorenni jew adult dipendenti	Applikazzjonijiet f'isem minorenni jew adult dipendenti

Or. bg

Emenda 1018
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjonijiet f'isem ***il-konjuġi, is-sieħeb,*** minorenni jew adult dipendenti	Applikazzjonijiet f'isem minorenni jew adult dipendenti

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li ssir personalment mill-applikanti li għandhom il-kapaċità ġuridika li jagħmlu dan. Fir-rigward tal-membri tal-familja tal-applikant, ir-regoli tar-riunifikazzjoni tal-familja jenħtieġ li japplikaw.

Emenda 1019
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Applikazzjonijiet f'isem ***il-konjuġi, is-***	Applikazzjonijiet f'isem minorenni jew

sieħeb, minorenni jew adult dipendenti	adult dipendenti

Or. en

Emenda 1020
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Applikant ***jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu f'relazzjoni stabbli u fit-tul, minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali***.	1. ***L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jeżaminaw applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ta'*** applikant ***b'mod konġunt mal-applikazzjonijiet ta' membri tal-familja, sakemm ikunu fit-territorju tal-istess Stat Membru***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dritt għall-asil huwa personali u d-dikjarazzjoni personali tal-intenzjoni jenħtieġ li ma tiġix sostitwita. Id-dispożizzjonijiet għall-preżentazzjoni tal-applikazzjonijiet f'isem persuni oħra jistgħu jwasslu għall-użu ħażin min-netwerks tat-traffikar tal-bnedmin. Ir-regolament jenħtieġ li jipprevedi l-possibilità li Stati Membri jeżaminaw l-applikazzjonijiet ta' membri tal-familja b'mod konġunt, li hija l-intenzjoni sottostanti tat-test propost mill-Kummissjoni.

Emenda 1021
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem ***il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu f'relazzjoni stabbli u fit-tul,*** minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.	1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.

Or. en

Emenda 1022
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem ***il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu f'relazzjoni stabbli u fit-tul,*** minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.	1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Relatata mal-modifika tal-Artikolu 31 - titolu

Emenda 1023
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem ***il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu f'relazzjoni stabbli u fit-tul, minorenni jew*** adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.	1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem ***it-tfal tiegħu taħt l-età ta' responsabilità legali jew it-tfal*** adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.

Or. bg

Emenda 1024
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem il-konjuġi ***jew is-sieħeb*** tiegħu ***f'relazzjoni stabbli u fit-tul***, minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.	1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem il-konjuġi tiegħu, minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.

Or. hu

Emenda 1025
Monika Hohlmeier, Heinz K. Becker

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu f'relazzjoni stabbli u fit-tul, minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.	1. Applikant jista' jippreżenta applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu f'relazzjoni stabbli u fit-tul, ***tfal*** minorenni jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali.

Or. en

Emenda 1026
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konjuġi jew sieħeb imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun infurmat fil-privat dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti li jkollu l-applikazzjoni ppreżentata f'ismu u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali. Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb ma jagħtix kunsens għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu, għandu jingħata l-opportunità li	***imħassar***

jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess.

Or. en

Emenda 1027
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konjuġi jew sieħeb imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun infurmat fil-privat dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti li jkollu l-applikazzjoni ppreżentata f'ismu u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali. Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb ma jagħtix kunsens għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu, għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Relatata mal-modifika tal-Artikolu 31 - titolu

Emenda 1028
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konjuġi jew sieħeb imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun infurmat fil-privat dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti li jkollu l-applikazzjoni ppreżentata f'ismu u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali. Fejn il-	***imħassar***

konjuġi jew is-sieħeb ma jagħtix kunsens għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu, għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess.

Or. en

Emenda 1029
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konjuġi jew sieħeb imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun infurmat fil-privat dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti li jkollu l-applikazzjoni ppreżentata f'ismu u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali. Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb ma jagħtix kunsens għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu, għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess.	***imħassar***

Or. bg

Emenda 1030
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konjuġi jew sieħeb imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun infurmat fil-privat dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti li jkollu l-applikazzjoni ppreżentata f'ismu u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali. Fejn il-konjuġi jew is-	2. Il-konjuġi jew sieħeb imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun infurmat fil-privat ***mill-awtorità determinanti*** dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti li jkollu l-applikazzjoni ppreżentata f'ismu u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali.

sieħeb ma jagħtix kunsens għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu, għandu ***jingħata l-opportunità*** li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess.	Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb ma jagħtix kunsens għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu, għandu ***jkun intitolat*** li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-Kummissjoni ma jispjegax min għandu l-obbligu li jinforma lill-konjuġi jew lis-sieħeb jew sieħba dwar il-konsegwenzi proċedurali li jkun permess li applikazzjoni tiġi ppreżentata f'ismu jew f'isimha. Nemmnu li jrid jibqa' f'idejn l-awtorità determinanti.

Emenda 1031
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-konjuġi ***jew sieħeb imsemmi*** fil-paragrafu 1 għandu jkun infurmat fil-privat dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti li jkollu l-applikazzjoni ppreżentata f'ismu u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali. Fejn il-konjuġi ***jew is-sieħeb*** ma jagħtix kunsens għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu, għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess.	2. Il-konjuġi ***msemmi*** fil-paragrafu 1 għandu jkun infurmat fil-privat dwar il-konsegwenzi proċedurali rilevanti li jkollu l-applikazzjoni ppreżentata f'ismu u dwar id-dritt tiegħu li jagħmel applikazzjoni separata għall-protezzjoni internazzjonali. Fejn il-konjuġi ma jagħtix kunsens għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu, għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta applikazzjoni f'ismu stess.

Or. hu

Emenda 1032
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-	***imħassar***

sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol. Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Relatata mal-modifika tal-Artikolu 31 - titolu

Emenda 1033
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol. Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura	***imħassar***

stabbilita fl-Artikolu 39.

Or. en

Emenda 1034
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol. Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1035
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol	***imħassar***

imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol. Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.

Or. bg

Emenda 1036
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol. ***Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.***	3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***il-ħmistax-il jum*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' ***ħmistax-il jum*** ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***ħmistax-il jum*** ta' xogħol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-regoli għar-rifjut tal-applikazzjonijiet bħala abbandunati huma stabbiliti fl-Artikolu 39 u m'hemmx għalfejn jiġu ripetuti hawnhekk.

Emenda 1037
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol. ***Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.***	3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***l-għoxrin jum*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' ***għoxrin jum*** ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***għoxrin jum*** ta' xogħol.

Or. en

Emenda 1038
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1	3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1

fi żmien ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol. Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol addizzjonali, ***l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39***.	fi żmien ***l-20 jum*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi jew is-sieħeb għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' ***20 jum*** ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol. Fejn il-konjuġi jew is-sieħeb xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn ***l-20 jum*** ta' xogħol addizzjonali, ***l-eżami tal-applikazzjoni m'għandux jitkompla***.

Or. en

Emenda 1039
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi ***jew is-sieħeb*** tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi ***jew is-sieħeb*** għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol. Fejn il-konjuġi ***jew is-sieħeb*** xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun ***irrifjutrata*** bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.	3. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-konjuġi tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), il-konjuġi għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol ieħor li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol. Fejn il-konjuġi xorta waħda ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun ***irrifjutata*** bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.

Or. hu

Emenda 1040

Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1041
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1042
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.	4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem ***u bil-kunsens ta'*** dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1043
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.	4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***l-20 jum*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1044
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.	4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***il-15-il jum*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza mal-emendi preċedenti.

Emenda 1045
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, ***tkun tal-opinjoni*** li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni	4. Fejn applikant ma jippreżentax applikazzjoni f'isem adult dipendenti tiegħu kif imsemmi fil-paragrafu 1 fi żmien ***l-għoxrin jum*** ta' xogħol imsemmija fl-Artikolu 28(1), l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem dak l-adult dipendenti jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, ***il-fatti jindikaw*** li l-adult dipendenti jista' jinħtieġ protezzjoni

internazzjonali.	internazzjonali.

Or. en

Emenda 1046
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn persuna tkun ippreżentat applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tagħha f'relazzjoni stabbli u fit-tul, jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, kull waħda minn dawn il-persuni għandha tingħata l-opportunità ta' intervista personali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1047
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn persuna tkun ippreżentat applikazzjoni f'isem il-konjuġi jew is-sieħeb tagħha f'relazzjoni stabbli u fit-tul, jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, kull waħda minn dawn il-persuni għandha tingħata l-opportunità ta' intervista personali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1048
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn persuna tkun ippreżentat applikazzjoni f'isem ***il-konjuġi jew is-sieħeb tagħha f'relazzjoni stabbli u fit-tul, jew*** adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, kull waħda minn dawn il-persuni għandha tingħata l-opportunità ta' intervista personali.	5. Fejn persuna tkun ippreżentat applikazzjoni f'isem adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, kull waħda minn dawn il-persuni għandha tingħata l-opportunità ta' intervista personali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Relatata mal-modifika tal-Artikolu 31 - titolu

Emenda 1049
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn persuna tkun ippreżentat applikazzjoni f'isem ***il-konjuġi jew is-sieħeb tagħha f'relazzjoni stabbli u fit-tul, jew*** adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, kull waħda minn dawn il-persuni għandha tingħata l-opportunità ta' intervista personali.	5. Fejn persuna tkun ippreżentat applikazzjoni f'isem ***it-tfal*** adulti dipendenti ***tagħha*** mingħajr kapaċità legali, kull waħda minn dawn il-persuni għandha tingħata l-opportunità ta' intervista personali.

Or. bg

Emenda 1050
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn persuna tkun ippreżentat applikazzjoni f'isem il-konjuġi ***jew is-sieħeb*** tagħha ***f'relazzjoni stabbli u fit-tul,*** jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, kull waħda minn dawn il-persuni għandha tingħata l-opportunità ta' intervista personali.	5. Fejn persuna tkun ippreżentat applikazzjoni f'isem il-konjuġi tagħha jew adulti dipendenti mingħajr kapaċità legali, kull waħda minn dawn il-persuni għandha tingħata l-opportunità ta' intervista personali.

Or. hu

Emenda 1051
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Fil-każ ta' minorenni akkompanjat, il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni mill-adult responsabbli għalih kif imsemmi fil-paragrafu 6 għandha titqies ukoll bħala l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'isem il-minorenni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1052
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jagħmilx applikazzjoni għalih innifsu, il-minorenni akkompanjat għandu jkun infurmat b'mod ċar dwar il-possibilità u l-	***imħassar***

proċedura għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu stess fil-mument li ssir l-applikazjzoni tiegħu.

Or. en

Emenda 1053
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jagħmilx applikazzjoni għalih innifsu, il-minorenni akkompanjat għandu jkun infurmat b'mod ċar dwar il-possibilità u l-proċedura għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu stess fil-mument li ssir l-applikazjzoni tiegħu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1054
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jagħmilx applikazzjoni għalih innifsu, il-minorenni akkompanjat għandu jkun infurmat b'mod ċar dwar il-possibilità u l-proċedura għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu stess fil-mument li ssir ***l-applikazjzoni*** tiegħu.	8. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jagħmilx applikazzjoni għalih innifsu, il-minorenni akkompanjat għandu jkun infurmat b'mod ċar dwar il-possibilità u l-proċedura għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu stess fil-mument li ssir ***l-applikazzjoni*** tiegħu ***u jingħata opportunità effettiva li jagħmel dan fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol kif previst fl-Artikolu 28(1) jekk huwa jew***

hija jkollu l-kapaċità ġuridika li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Meta l-minorenni ma jkollux il-kapaċità ġuridika li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, l-awtorità determinanti għandha taġixxi f'isem il-minorenni, wara li tikkunsidra l-opinjonijiet tiegħu jew tagħha.

Or. en

Emenda 1055
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jagħmilx applikazzjoni għalih innifsu, ***il-minorenni akkompanjat għandu jkun infurmat*** b'mod ċar dwar ***il-possibilità u l-proċedura*** għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu stess fil-mument li ssir ***l-applikazjzoni*** tiegħu.	8. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jagħmilx applikazzjoni għalih innifsu, ***l-awtoritajiet responsabbli għandhom jinfurmaw*** b'mod ċar ***lill-minorenni akkompanjat*** dwar ***il-proċedura*** għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni f'ismu stess fil-mument li ssir ***l-applikazzjoni*** tiegħu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-test tal-Kummissjoni ma jispjegax min għandu l-obbligu li jinforma lill-minorenni akkompanjat. Nemmnu li jrid jibqa' f'idejn l-awtorità determinanti. Barra minn hekk, ir-referenza għall-possibilità li tiġi ppreżentata applikazzjoni hija żgwidanti għaliex huwa l-obbligu tal-applikant li jippreżenta l-applikazzjoni.

Emenda 1056
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jippreżentas applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun infurmat dwar il-possibilità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' għaxart ijiem ta' xogħol li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn il-minorenni ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irriffjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1057
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jippreżentas applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun infurmat dwar il-possibilità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' għaxart ijiem ta' xogħol li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn il-minorenni ma	***imħassar***

jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.

Or. en

Emenda 1058
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jippreżentas applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun infurmat dwar il-possibilità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' għaxart ijiem ta' xogħol li jibda ***mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol*** jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn il-minorenni ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.	9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jippreżentas applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien l-għaxart ijiem ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun infurmat dwar il-possibilità li ***u l-proċedura biex*** jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità ***effettiva*** li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' għaxart ijiem ta' xogħol li jibda ***mill-mument li l-minorenni jiġi infurmat*** jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn il-minorenni ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39. ***Meta l-minorenni ma jkollux il-kapaċità ġuridika li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, l-awtorità determinanti għandha taġixxi f'isem il-minorenni, wara li tikkunsidra l-opinjonijiet tiegħu jew tagħha.***

Or. en

Emenda 1059
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma ***jippreżentas*** applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun infurmat dwar ***il-possibilità li*** jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. ***Fejn il-minorenni ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien dawn l-għaxart ijiem ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.***	9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma ***jippreżentax*** applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien ***il-15-il jum*** ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun infurmat dwar ***il-proċedura biex*** jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' ***15-il jum*** ta' xogħol li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***15-il jum*** ta' xogħol jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

B'konsistenza ma' emendi preċedenti għal dan l-Artikolu.

Emenda 1060
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jippreżentas applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun	9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma jippreżentas applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien ***l-għoxrin jum*** ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun

infurmat dwar il-possibilità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn il-minorenni ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien dawn ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol addizzjonali, ***l-applikazzjoni*** għandha ***tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39***.	infurmat dwar il-possibilità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' ***għoxrin jum*** ta' xogħol li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***għoxrin jum*** ta' xogħol jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn il-minorenni ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien dawn ***l-għoxrin jum*** ta' xogħol addizzjonali, ***l-awtorità bir-responsabilità skont l-Artikolu 5*** għandha ***tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni***.

Or. en

Emenda 1061
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma ***jippreżentas*** applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun infurmat dwar il-possibilità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn il-minorenni ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien dawn ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.	9. Fejn adult responsabbli għall-minorenni akkompanjat ma ***jippreżentax*** applikazzjoni f'isem il-minorenni fi żmien ***l-20 jum*** ta' xogħol previsti fl-Artikolu 28(1), il-minorenni għandu jkun infurmat dwar il-possibilità li jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu f'ismu u jingħata l-opportunità li jagħmel dan fi żmien perjodu ieħor ta' ***20 jum*** ta' xogħol li jibda mill-iskadenza tal-ewwel perjodu ta' ***20 jum*** ta' xogħol jekk hu jkollu l-kapaċità li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat. Fejn il-minorenni ma jippreżentax l-applikazzjoni tiegħu f'ismu fi żmien dawn ***l-20 jum*** ta' xogħol addizzjonali, l-applikazzjoni għandha tkun irrifjutrata bħala abbandunata skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 39.

Or. en

Emenda 1062
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni separata minn konjuġi, sieħeb jew minorenni skont l-Artikolu 36(1)(d), applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun soġġetta għal eżami inizjali dwar jekk hemmx fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.	***imħassar***
Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem il-konjuġi, is-sieħeb jew il-minorenni.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan it-test huwa żgwidanti. Kull applikazzjoni trid titqies b'mod individwali. Ir-regoli li jirregolaw il-proċeduri ta' ammissibilità huma stabbiliti x'imkien ieħor. M'hemmx bżonn ta' paragrafu bħal dan. Mhuwiex preżenti fid-Direttiva dwar il-Proċeduri tal-Asil eżistenti.

Emenda 1063
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni separata minn konjuġi, sieħeb jew minorenni skont l-Artikolu 36(1)(d), applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun soġġetta għal eżami inizjali dwar jekk hemmx fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.	***imħassar***
Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem il-konjuġi, is-sieħeb jew il-minorenni.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex jitneħħew il-kontrolli tal-ammisibilità bħala rekwiżit qabel jiġi applikat ir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 1064
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni separata minn konjuġi,	***imħassar***

sieħeb jew minorenni skont l-Artikolu 36(1)(d), applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun soġġetta għal eżami inizjali dwar jekk hemmx fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.

Or. en

Emenda 1065
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni separata minn ***konjuġi, sieħeb jew*** minorenni skont l-Artikolu 36(1)(d), applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun soġġetta għal eżami inizjali dwar jekk hemmx fatti relatati mas-sitwazzjoni ***tal-konjuġi, tas-sieħeb jew*** tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.	Bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni separata minn minorenni skont l-Artikolu 36(1)(d), applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun soġġetta għal eżami inizjali dwar jekk hemmx fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.

Or. bg

Emenda 1066
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni separata minn ***konjuġi, sieħeb jew*** minorenni skont l-Artikolu 36(1)(d), applikazzjoni għall-protezzjoni	Bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni separata minn minorenni skont l-Artikolu 36(1)(d), applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha

internazzjonali għandha tkun soġġetta għal eżami inizjali dwar jekk hemmx fatti relatati mas-sitwazzjoni ***tal-konjuġi, tas-sieħeb jew*** tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.	tkun soġġetta għal eżami inizjali dwar jekk hemmx fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Relatata mal-modifika tal-Artikolu 31 - titolu

Emenda 1067
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni separata minn konjuġi***,*** ***sieħeb*** jew minorenni skont l-Artikolu 36(1)(d), applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun soġġetta għal eżami inizjali dwar jekk hemmx fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi***,*** ***tas-sieħeb*** jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.	Bil-għan li tittieħed deċiżjoni dwar l-ammissibilità ta' applikazzjoni fil-każ ta' applikazzjoni separata minn konjuġi jew minorenni skont l-Artikolu 36(1)(d), applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun soġġetta għal eżami inizjali dwar jekk hemmx fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata.

Or. hu

Emenda 1068
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata	Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi, tas-sieħeb jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata

għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. ***Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem il-konjuġi, is-sieħeb jew il-minorenni.***	għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha.

Or. en

Emenda 1069
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni ***tal-konjuġi, tas-sieħeb jew*** tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem ***il-konjuġi, is-sieħeb jew*** il-minorenni.	Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem il-minorenni.

Or. bg

Emenda 1070
Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni ***tal-konjuġi, tas-sieħeb jew*** tal-	Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-minorenni li jiġġustifikaw

minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem ***il-konjuġi, is-sieħeb jew*** il-minorenni.	applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem il-minorenni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Relatata mal-modifika tal-Artikolu 31 - titolu

Emenda 1071
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 31 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi***, tas-sieħeb*** jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem il-konjuġi, is-sieħeb jew il-minorenni.	Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-konjuġi jew tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem il-konjuġi, is-sieħeb jew il-minorenni.

Or. hu

Emenda 1072
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni ***tal-konjuġi, tas-sieħeb jew*** tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem il-konjuġi, is-sieħeb jew il-minorenni.	Fejn ikun hemm fatti relatati mas-sitwazzjoni tal-minorenni li jiġġustifikaw applikazzjoni separata, dik l-applikazzjoni separata għandha tkompli tiġi eżaminata sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-merti tagħha. Jekk le, dik l-applikazzjoni separata għandha tiġi rrifjutata bħala inammissibbli, mingħajr preġudizzju għall-eżami proprju ta' kwalunkwe applikazzjoni ppreżentata f'isem il-konjuġi, is-sieħeb jew il-minorenni.

Or. en

Emenda 1073
Péter Niedermüller, Birgit Sippel, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Minorenni mhux akkompanjat għandu jippreżenta applikazzjoni f'ismu jekk ikollu l-kapaċità legali li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, jew inkela l-kustodju tiegħu għandu jippreżentaha f'ismu. Il-kustodju għandu jassisti u jinforma sew lill-minorenni mhux akkompanjat dwar kif u fejn għandu jippreżenta l-applikazzjoni.	1. Minorenni mhux akkompanjat għandu jippreżenta applikazzjoni f'ismu jekk ikollu l-kapaċità legali li jaġixxi fi proċeduri skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru kkonċernat, jew inkela l-kustodju tiegħu għandu jippreżentaha f'ismu. ***Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-minorenni mhux akkompanjati għall-assistenza u r-rappreżentanza legali skont l-Artikolu 14 u 15,*** il-kustodju għandu jassisti u jinforma sew lill-minorenni mhux akkompanjat dwar kif u fejn għandu jippreżenta l-applikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-minorenni mhux akkompanjati kollha jgawdu l-istess dritt għall-assistenza u r-rappreżentanza legali daqs kwalunkwe applikant ieħor, inkluż id-dritt għall-assistenza u r-rappreżentanza legali mingħajr ħlas. Dan jenħtieġ li jkun disponibbli qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni.

Emenda 1074
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, il-perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni previst fl-Artikolu 28(1) għandu jibda jgħodd biss mill-mument li jinħatar kustodju għall-minorenni mhux akkompanjat u dan ikun iltaqa' miegħu.*** Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat ***fi żmien dawk l-għaxart ijiem ta' xogħol***, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-minorenni mhux akkompanjat jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.	2. Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-minorenni mhux akkompanjat jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.

Or. bg

Emenda 1075
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, il-perjodu ta' ***għaxart ijiem***	2. Fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, il-perjodu ta' ***15-il jum*** ta'

ta' xogħol għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni prevista fl-Artikolu 28(1) għandu jibda jgħodd biss mill-mument li jinħatar kustodju għall-minorenni mhux akkompanjat u dan ikun iltaqa' miegħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat fi żmien dawk ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat ***jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-minorenni mhux akkompanjat jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali***.	xogħol għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni prevista fl-Artikolu 28(1) għandu jibda jgħodd biss mill-mument li jinħatar kustodju għall-minorenni mhux akkompanjat u dan ikun iltaqa' miegħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat fi żmien dawk ***il-15-il jum*** ta' xogħol, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza mal-emendi preċedenti. Billi dan il-paragrafu jittratta l-preżentazzjoni ta' applikazzjoni li tkun diġà saret, l-awtorità determinanti ma tistax tiddeċiedi, f'danl-istadju, jekk il-minorenni jeħtieġx protezzjoni internazzjonali qabel l-eżami sostantiv tal-applikazzjoni. Billi l-minorenni mhux akkompanjat ikun diġà għamel l-applikazzjoni, l-applikazzjoni jenħtieġ li tiġi ppreżentata f'ismu.

Emenda 1076
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, il-perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni prevista fl-Artikolu 28(1) għandu jibda jgħodd biss mill-mument li jinħatar kustodju għall-minorenni mhux akkompanjat u dan ikun iltaqa' miegħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat fi żmien dawk l-għaxart ijiem	2. Fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, il-perjodu ta' għaxart ijiem ta' xogħol għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni prevista fl-Artikolu 28(1) għandu jibda jgħodd biss mill-mument li jinħatar kustodju għall-minorenni mhux akkompanjat u dan ikun iltaqa' miegħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat fi żmien dawk l-għaxart ijiem

ta' xogħol, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat ***jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-minorenni mhux akkompanjat jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali***.	ta' xogħol, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat.

Or. en

Emenda 1077
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, il-perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni previst fl-Artikolu 28(1) għandu jibda jgħodd biss mill-mument li jinħatar kustodju għall-minorenni mhux akkompanjat u dan ikun iltaqa' miegħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat fi żmien dawk ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat ***jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-minorenni mhux akkompanjat jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali***.	2. Fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, il-perjodu ta' ***20 jum*** ta' xogħol għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni previst fl-Artikolu 28(1) għandu jibda jgħodd biss mill-mument li jinħatar kustodju għall-minorenni mhux akkompanjat u dan ikun iltaqa' miegħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat fi żmien dawk ***l-20 jum*** ta' xogħol, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat.

Or. en

Emenda 1078
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, il-perjodu ta' ***għaxart ijiem*** ta' xogħol għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni prevista fl-Artikolu 28(1) għandu jibda jgħodd biss mill-mument li jinħatar kustodju għall-minorenni mhux akkompanjat u dan ikun iltaqa' miegħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat fi żmien dawk ***l-għaxart ijiem*** ta' xogħol, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-minorenni mhux akkompanjat jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.	2. Fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjat, il-perjodu ta' ***20 jum*** ta' xogħol għall-preżentazzjoni tal-applikazzjoni prevista fl-Artikolu 28(1) għandu jibda jgħodd biss mill-mument li jinħatar kustodju għall-minorenni mhux akkompanjat u dan ikun iltaqa' miegħu. Fejn il-kustodju ma jippreżentax applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat fi żmien dawk ***l-20 jum*** ta' xogħol, l-awtorità determinanti għandha tippreżenta applikazzjoni f'isem il-minorenni mhux akkompanjat jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, tkun tal-opinjoni li l-minorenni mhux akkompanjat jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1079
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 32 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-entitajiet imsemmija fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 2008/115/KE għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali f'isem minorenni mhux akkompanjat jekk, abbażi ta' valutazzjoni individwali tas-sitwazzjoni personali tiegħu, dawk l-entitajiet huma tal-opinjoni li l-minorenni jista' jinħtieġ protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1080
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tieħu deċiżjonijiet dwar applikazzjonjiet għall-protezzjoni internazzjonali wara eżami xieraq fir-rigward tal-ammissibilità jew il-merti ta' applikazzjoni. L-awtorità determinanti għandha teżamina applikazzjonijiet oġġettivament, b'mod imparzjali u fuq bażi individwali. Għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni, din għandha tqis:	***imħassar***
(a) id-dikjarazzjonijiet u d-dokumentazzjoni rilevanti preżentati mill-applikant inkluż informazzjoni dwar jekk l-applikant kienx jew jistax jiġi soġġett għal persekuzzjoni jew ħsara serja;	
(b) l-informazzjoni rilevanti, preċiża u aġġornata kollha relatata mas-sitwazzjoni li tkun attwalment teżisti fil-pajjiż ta' oriġini tal-applikant fil-mument li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, inklużi liġijiet u regolamenti tal-pajjiż ta' oriġini u mod li bih jiġu applikati, kif ukoll kull informazzjoni oħra rilevanti miksuba mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u organizzazzjonijiet internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem rilevanti, jew minn sorsi oħra;	
(c) l-analiżi komuni tal-informazzjoni dwar il-pajjiż ta' oriġini msemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil);	
(d) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, inkluż	

fatturi bħalma huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, is-sess, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru sabiex jiġi stmat jekk, abbażi taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ikunux jammontaw għal persekuzzjoni jew ħsara serja;

(e) jekk l-attivitajiet li kien involut fihom l-applikant minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini kinux imwettqa mill-applikant għall-għan waħdieni jew ewlieni li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġi stmat jekk dawk l-attivitajiet jesponux lill-applikant għal persekuzzjoni jew ħsara serja jekk jiġi ritornat lejn dak il-pajjiż;

(f) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġonevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 1081
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha ***tieħu deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali wara eżami xieraq fir-rigward tal-ammissibilità jew il-merti ta' applikazzjoni. L-awtorità determinanti għandha*** teżamina applikazzjonijiet oġġettivament, b'mod imparzjali u fuq bażi individwali. Għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni, din għandha tqis:	2. L-awtorità determinanti għandha teżamina applikazzjonijiet oġġettivament, b'mod imparzjali u fuq bażi individwali. Għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni, din għandha tqis:

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex jitneħħew il-kontrolli tal-ammisibilità bħala rekwiżit qabel jiġi applikat ir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 1082
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tieħu deċiżjonijiet dwar applikazzjonjiet għall-protezzjoni internazzjonali wara eżami xieraq ***fir-rigward tal-ammissibilità jew il-merti*** ta' applikazzjoni. L-awtorità determinanti għandha teżamina applikazzjonijiet oġġettivament, b'mod imparzjali u fuq bażi individwali. Għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni, din għandha tqis:	2. L-awtorità determinanti għandha tieħu deċiżjonijiet dwar applikazzjonjiet għall-protezzjoni internazzjonali wara eżami xieraq ta' applikazzjoni. L-awtorità determinanti għandha teżamina applikazzjonijiet oġġettivament, b'mod imparzjali u fuq bażi individwali. Għall-finijiet tal-eżami tal-applikazzjoni, din għandha tqis:

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità mal-emendi tagħna biex it-test tal-ammissibilità jsir purament fakultattiv, l-awtorità determinanti mhijiex obbligata teżamina l-ammissibilità ta' kull applikazzjoni.

Emenda 1083
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-informazzjoni rilevanti, preċiża u aġġornata kollha relatata mas-sitwazzjoni li tkun attwalment teżisti fil-pajjiż ta' oriġini tal-applikant fil-mument li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, inklużi liġijiet u regolamenti tal-pajjiż ta' oriġini u	(b) l-informazzjoni rilevanti, preċiża u aġġornata kollha relatata mas-sitwazzjoni li tkun attwalment teżisti fil-pajjiż ta' oriġini tal-applikant fil-mument li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, inklużi liġijiet u regolamenti tal-pajjiż ta' oriġini u

mod li bih jiġu applikati, kif ukoll kull informazzjoni oħra rilevanti miksuba mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil***, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u organizzazzjonijiet internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem rilevanti, jew minn sorsi oħra;***	mod li bih jiġu applikati, kif ukoll kull informazzjoni oħra rilevanti miksuba mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil**.**

Or. en

Emenda 1084
Anna Maria Corazza Bildt, Caterina Chinnici, Hilde Vautmans, Barbara Matera, Damiano Zoffoli, Michaela Šojdrová, Brando Benifei, Lara Comi, Barbara Kudrycka, Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-informazzjoni rilevanti, preċiża u aġġornata kollha relatata mas-sitwazzjoni li tkun attwalment teżisti fil-pajjiż ta' oriġini tal-applikant fil-mument li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, inklużi liġijiet u regolamenti tal-pajjiż ta' oriġini u mod li bih jiġu applikati, kif ukoll kull informazzjoni oħra rilevanti miksuba mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u organizzazzjonijiet internazzjonali għad-drittijiet tal-bniedem ***rilevanti***, jew minn sorsi oħra;	(b) l-informazzjoni rilevanti, preċiża u aġġornata kollha relatata mas-sitwazzjoni li tkun attwalment teżisti fil-pajjiż ta' oriġini tal-applikant fil-mument li tittieħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, inklużi liġijiet u regolamenti tal-pajjiż ta' oriġini u mod li bih jiġu applikati, kif ukoll kull informazzjoni oħra rilevanti miksuba mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati u organizzazzjonijiet internazzjonali ***rilevanti*** għad-drittijiet tal-bniedem ***u ffukati fuq it-tfal***, jew minn sorsi oħra;

Or. en

Emenda 1085
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant***, inkluż fatturi bħalma huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, is-sess, l-età, l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru*** sabiex jiġi stmat jekk, ***abbażi*** taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ***ikunux*** jammontaw għal persekuzzjoni jew ***ħsara serja***;	(d) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant sabiex jiġi stmat jekk, ***fuq il-bażi*** taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ***ikunu*** jammontaw għal persekuzzjoni jew ***periklu serju***;

Or. en

Emenda 1086
Emil Radev

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt г

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, inkluż fatturi ***bħalma*** huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, is-sess***,*** l-età, ***l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru*** sabiex jiġi stmat jekk, ***abbażi*** taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ***ikunux*** jammontaw għal persekuzzjoni jew ***ħsara serja***;	(d) il-pożizzjoni individwali u ċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, inkluż fatturi ***bħal ma*** huma l-ambjent minn fejn ikun ġej, is-sess ***u*** l-età, sabiex jiġi stmat jekk, ***fuq il-bażi*** taċ-ċirkostanzi personali tal-applikant, l-atti li għalihom l-applikant kien jew jista' jiġi espost ***ikunu*** jammontaw għal persekuzzjoni jew ***periklu serju***;

Or. bg

Emenda 1087
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) jekk l-attivitajiet li kien involut fihom l-applikant minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini kinux imwettqa mill-applikant għall-għan waħdieni jew ewlieni li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġi stmat jekk dawk l-attivitajiet jesponux lill-applikant għal persekuzzjoni jew ħsara serja jekk jiġi ritornat lejn dak il-pajjiż;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din id-dispożizzjoni tassumi li l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jitqiesu b'suspett talli jeżerċitaw il-libertajiet fundamentali li għandhom kull dritt li jgawdu anke jekk ipoġġuhom fir-riskju. Bħala tali d-dispożizzjoni jenħtieġ li tiġi mħassra.

Emenda 1088
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-attivitajiet li kien involut fihom l-applikant minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini kinux imwettqa mill-applikant għall-għan waħdieni jew ewlieni li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġi stmat jekk dawk l-attivitajiet jesponux lill-applikant għal persekuzzjoni jew ħsara serja jekk jiġi ritornat lejn dak il-pajjiż;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1089
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk ***l-attivitajiet li kien involut fihom l-applikant*** minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini ***kinux imwettqa mill-applikant*** għall-għan waħdieni jew ewlieni li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali***, sabiex jiġi stmat jekk dawk l-attivitajiet jesponux lill-applikant għal persekuzzjoni jew ħsara serja jekk jiġi ritornat lejn dak il-pajjiż;***	(e) Jekk***,*** minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini***, l-applikant kien involut f'attivitajiet*** għall-għan waħdieni jew ewlieni li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali

Or. en

Emenda 1090
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-attivitajiet li kien involut fihom l-applikant minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini kinux imwettqa mill-applikant għall-għan waħdieni ***jew ewlieni li jinħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni għal protezzjoni*** internazzjonali, ***sabiex jiġi stmat jekk dawk l-attivitajiet jesponux lill-applikant għal persekuzzjoni jew ħsara serja jekk jiġi ritornat lejn dak il-pajjiż;***	(e) jekk l-attivitajiet li kien involut fihom l-applikant minn meta jkun telaq mill-pajjiż ta' oriġini kinux imwettqa mill-applikant għall-għan waħdieni ***li jingħata l-protezzjoni*** internazzjonali***. Dan għandu jeskludi kwalunkwe ċirkostanza indipendenti mir-rieda tal-applikant****, **inkluż iżda mhux limitat għall-orjentazzjoni sesswali, u t-twemmin reliġjuż tiegħu, li l-applikant seta' ħeba f'diversi gradi waqt li kien fil-pajjiż ta' oriġini.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Allinjata mal-kliem adottat fir-Regolament dwar il-Kwalifika.

Emenda 1091
Péter Niedermüller, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġonevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-dritt tal-Unjoni jenħtieġ li ma jinkoraġġix lill-Istati Membri jabdikaw mir-responsabilità tagħhom biex jipprovdu l-protezzjoni internazzjonali lil dawk fil-bżonn.

Emenda 1092
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jekk ***l-applikant ikun*** mistenni b'mod raġonevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza.	(f) jekk ***ikunx*** mistenni b'mod raġonevoli ***mill-applikant*** li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza.

Or. en

Emenda 1093
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni *Emenda*

(f) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġonevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza.	(f) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġonevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza ***jew l-istatus ta' residenza***.

Or. en

Emenda 1094
Kinga Gál

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġonevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor ***fejn ikun jista' jiddikjara ċ-ċittadinanza***.	(f) jekk l-applikant ikun mistenni b'mod raġonevoli li japprofitta ruħu mill-protezzjoni ta' pajjiż ieħor.

Or. hu

Emenda 1095
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer, Claude Moraes

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Meta, fi kwalunkwe ħin qabel tkun ittieħdet deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, l-applikant jingħata l-Karta Blu tal-UE skont id-Direttiva xxx/xxx (dwar il-kundizzjonijiet tad-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' impjieg b'ħiliet għolja), dik l-applikazzjoni għandha tiġi posposta. Dan il-posponiment għandu jdum sakemm il-Karta Blu tal-UE - u kwalunkwe tiġdid tal-Karta Blu tal-UE - tkun skadiet u l-applikant ikun mar lura fl-Istat Membru responsabbli mill-applikazzjoni għal

protezzjoni internazzjonali.
Il-limiti ta' żmien kollha rilevanti, fir-rigward ta' dik l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, kif stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jiġu posposti kif xieraq. Dawk il-limiti ta' żmien għandhom jerġgħu jibdew jgħoddu biss meta l-applikant ikun reġa' lura fl-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali.
Applikant għal protezzjoni internazzjonali li jingħata l-Karta Blu tal-UE jista' b'mod espliċitu jirtira l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għal protezzjoni internazzjonali fi kwalunkwe żmien matul il-validità tal-Karta Blu tal-UE skont l-Artikolu 38. L-awtorità determinanti m'għandhiex tikkunsidra applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali li ġiet irtirata b'mod impliċitu skont l-Artikolu 39 għar-raġuni li l-applikant sar detentur tal-Karta Blu tal-UE.

Or. en

Ġustifikazzjoni

This amendment is designed to reflect the position adopted by the Parliament on the EU Blue Card Directive, opening up the possibility for those applicants for international protection who already have access to the labour market under the EU Asylum rules to apply for an EU Blue Card, and to be granted such a Blue Card if they fulfil all the conditions laid down in that Directive. For that purpose, it is necessary to establish that the application for international protection will not cease upon the granting of an EU Blue Card but shall not be further processed until such time as the EU Blue Card has expired.

Emenda 1096
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-persunal li jeżamina l-applikazzjonijiet u li jieħu d-deċiżjonijiet	3. Il-persunal li jeżamina l-applikazzjonijiet u li jieħu d-deċiżjonijiet

għandu jkollu għarfien suffiċjenti dwar l-istandards rilevanti applikabbli fil-qasam tal-liġi dwar l-asil u dwar ir-rifuġjati***;*** Huma għandu jkollhom il-possibilità li jitolbu parir, meta jkun meħtieġ, minn esperti dwar kwistjonijiet partikolari, bħal pereżempju kwistjonijiet mediċi, kulturali, reliġjużi u dwar it-tfal jew relatati mal-ġeneru. Fejn ikun ***meġtieġ***, huma jistgħu jippreżentaw talbiet lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, skont l-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil).

għandu jkollu għarfien suffiċjenti dwar l-istandards rilevanti applikabbli fil-qasam tal-liġi dwar l-asil u dwar ir-rifuġjati ***u għandu jkun wettaq it-taħriġ meħtieġ skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (UE) XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil).*** Huma għandu jkollhom il-possibilità li jitolbu parir, meta jkun meħtieġ, minn esperti dwar kwistjonijiet partikolari, bħal pereżempju kwistjonijiet mediċi, kulturali, reliġjużi***, ta' saħħa mentali,*** u dwar it-tfal jew relatati mal-ġeneru. Fejn ikun ***meħtieġ***, huma jistgħu jippreżentaw talbiet lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, skont l-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa kruċjali li jiġi żgurat biżżejjed taħriġ għaliex it-taħriġ għandu rwol ewlieni biex jiżgura proċeduri xierqa.

Emenda 1097
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-persunal li jeżamina l-applikazzjonijiet u li jieħu d-deċiżjonijiet għandu jkollu għarfien suffiċjenti dwar l-istandards rilevanti applikabbli fil-qasam tal-liġi dwar l-asil u dwar ir-rifuġjati***;*** Huma għandu jkollhom il-possibilità li jitolbu parir, meta jkun meħtieġ, minn esperti dwar kwistjonijiet partikolari, bħal pereżempju kwistjonijiet mediċi, kulturali, reliġjużi u dwar it-tfal jew relatati mal-	3. Il-persunal li jeżamina l-applikazzjonijiet u li jieħu d-deċiżjonijiet għandu jkollu għarfien suffiċjenti dwar l-istandards rilevanti applikabbli fil-qasam tal-liġi dwar l-asil u dwar ir-rifuġjati ***u għandu jkun lesta t-taħriġ meħtieġ imsemmi fir-Regolament (UE) XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil).*** Huma għandu jkollhom il-possibilità li jitolbu parir, meta jkun

ġeneru. Fejn ikun ***meġtieġ***, huma jistgħu jippreżentaw talbiet lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, skont l-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil).

meħtieġ, minn esperti dwar kwistjonijiet partikolari, bħal pereżempju kwistjonijiet mediċi, kulturali, reliġjuži u dwar it-tfal jew relatati mal-ġeneru. Fejn ikun ***meħtieġ***, huma jistgħu jippreżentaw talbiet lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil, skont l-Artikolu 9(2)(b) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament dwar l-Aġenzija tal-UE għall-Asil).

Or. en

Emenda 1098
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Bodil Valero, Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jista jingħata prijorità b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II, b'mod partikolari fejn***:***	5. Eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jista jingħata prijorità b'konformità mal-prinċipji u l-garanziji bażiċi tal-Kapitolu II, b'mod partikolari fejn ***l-applikant għandu bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali speċjali msemmija fl-Artikoli 19 sa 22 ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 1099
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikazzjoni aktarx tkun iġġustifikata;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1100
Marina Albiol Guzmán

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikazzjoni aktarx tkun iġġustifikata;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1101
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-applikazzjoni aktarx tkun iġġustifikata;	(a) l-applikazzjoni ***hija prima facie meqjusa li*** aktarx tkun iġġustifikata;

Or. en

Emenda 1102
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant għandu bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali speċjali, b'mod partikolari fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1103
Péter Niedermüller, Kati Piri, Caterina Chinnici, Ana Gomes, Josef Weidenholzer

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant għandu bżonnijiet ***speċjali*** ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali speċjali, b'mod partikolari fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjati.	(b) l-applikant għandu bżonnijiet ***speċifiċi*** ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali speċjali ***skont l-Artikoli 19 sa 22 ta' dan ir-Regolament***, b'mod partikolari fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsistenza mal-emendi preċedenti.

Emenda 1104
Jeroen Lenaers

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant għandu bżonnijiet	(b) l-applikant għandu bżonnijiet

speċjali ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali speċjali, b'mod partikolari fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjati.	***speċifiċi*** ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali speċjali ***kif imsemmi fl-Artikoli 19 sa 22 ta' dan ir-Regolament***, b'mod partikolari fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjati.

Or. en

Emenda 1105
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant għandu bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali speċjali***, b'mod partikolari fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjati.***	(b) l-applikant għandu bżonnijiet speċjali ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali speċjali

Or. en

Emenda 1106
Cecilia Wikström, Sophia in 't Veld, Angelika Mlinar, Filiz Hyusmenova

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-applikant għandu bżonnijiet ***speċjali*** ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali ***speċjali***, b'mod partikolari fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjati.	(b) l-applikant għandu bżonnijiet ***speċifiċi*** ta' akkoljenza fis-sens tal-Artikolu 20 tad-Direttiva XXX/XXX/UE (id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza), jew ikun jinħtieġ garanziji proċedurali ***speċifiċi***, b'mod partikolari fil-każ ta' minorenni mhux akkompanjati.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tallinja t-terminoloġija mal-pożizzjoni tal-PE dwar strumenti oħra tas-SEKA, b'mod partikolari d-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza.

Emenda 1107
Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tkun iċ-ċentru għall-ġbir ta' informazzjoni rilevanti, affidabbli, oġġettiva, preċiża u aġġornata dwar pajjiżi terzi rilevanti b'mod trasparenti u imparzjali, bl-użu ta' informazzjoni rilevanti, inkluża informazzjoni speċifika dwar it-tfal u speċifika dwar is-sessi, kif ukoll informazzjoni mmirata dwar persuni li jappartjenugħal gruppi vulnerabbli kif previst fl-Artikoli 8 u 9 fir-Regolament (UE) XXX/XXX (dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil).

Or. en

Emenda 1108
Carlos Coelho

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5b. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Asil għandha tirrevedi b'mod regolari s-sitwazzjoni f'pajjiżi terzi li huma inklużi fil-lista komuni tal-UE ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu stabbilita mir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX

	[SCO/APR] jew indikati bħala pajjiżi terzi bla periklu fil-livell tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) Nru XXX/XXX [APR], inkluż dawk li ġew sospiżi mill-Kummissjoni u dawk li tneħħew minn dik il-lista.

Or. en

Emenda 1109
Sergei Stanishev

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-eżami biex tkun determinata l-ammissibilità ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 36(1) ma għandhiex tieħu aktar minn xahar mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni.	***imħassar***
Il-limitu ta' żmien għal tali eżami għandu jkun ta' għaxart ijiem ta' xogħol fejn, skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni japplika l-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil jew pajjiż terz bla periklu msemmi fl-Artikolu 36(1)(a) u (b).	

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi preċedenti biex jitneħħew il-kontrolli tal-ammisibilità bħala rekwiżit qabel jiġi applikat ir-Regolament ta' Dublin.

Emenda 1110
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament

Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-eżami biex tkun determinata l-ammissibilità ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 36(1) ma għandhiex tieħu aktar minn xahar mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni.	L-eżami biex tkun determinata l-ammissibilità ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 36(1) ma għandhiex tieħu aktar minn xahar mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni. ***Meta l-awtorità determinanti ma tiddeterminax l-ammissibilità ta' applikazzjoni fi żmien xahar, din għandha tkompli bl-eżami tal-applikazzjoni skont il-paragrafu 2 u 3 u l-Artikolu 37 u għandha tinforma lill-applikant kif xieraq.***

Or. en

Emenda 1111
Péter Niedermüller, Caterina Chinnici, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-eżami biex tkun determinata l-ammissibilità ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 36(1) ma għandhiex tieħu aktar minn xahar mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni.	***Fejn applikabbli,*** l-eżami biex tkun determinata l-ammissibilità ta' applikazzjoni skont l-Artikolu 36(1) ma għandhiex tieħu aktar minn xahar mill-preżentazzjoni ta' applikazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'konformità ma' emendi oħra biex it-test tal-ammissibilità jkun fakultattiv. Il-limitu ta' żmien fuq test tal-ammissibilità jista' japplika biss fejn dan it-test jintuża verament.

Emenda 1112
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limitu ta' żmien għal tali eżami għandu jkun ta' għaxart ijiem ta' xogħol fejn, skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni japplika l-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil jew pajjiż terz bla periklu msemmi fl-Artikolu 36(1)(a) u (b).	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tkun xi tkun ir-raġuni li teżisti għall-applikazzjoni tat-test tal-ammissibilità, dan jenħtieġ li jinkludi valutazzjoni individwali tal-applikazzjoni. Meta jitwettaq test tal-ammissibilità, l-iskadenza għat-tlestija ta' tali test jenħtieġ li tkun uniformi.

Emenda 1113
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limitu ta' żmien għal tali eżami għandu jkun ta' għaxart ijiem ta' xogħol fejn, skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni japplika l-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil jew pajjiż terz bla periklu msemmi fl-Artikolu 36(1)(a) u (b).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1114
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament

Artikolu 34 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-limitu ta' żmien għal tali eżami għandu jkun ta' għaxart ijiem ***ta' xogħol*** fejn, skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni japplika l-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil jew pajjiż terz bla periklu msemmi fl-Artikolu 36(1)(a) u (b).	Il-limitu ta' żmien għal tali eżami għandu jkun ta' għaxart ijiem ***kalendarji*** fejn, skont l-Artikolu 3(3)(a) tar-Regolament (UE) Nru XXX/XXX (ir-Regolament ta' Dublin), l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni japplika l-kunċett tal-ewwel pajjiż ta' asil jew pajjiż terz bla periklu msemmi fl-Artikolu 36(1)(a) u (b).

Or. en

Emenda 1115
Jussi Halla-aho

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li proċedura tal-eżami fuq il-merti tiġi konkluża kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn ***sitt*** xhur mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u sħiħ.	2. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li proċedura tal-eżami fuq il-merti tiġi konkluża kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn ***ħames*** xhur mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, mingħajr preġudizzju għal eżami adegwat u sħiħ.

Or. en

Emenda 1116
Péter Niedermüller, Josef Weidenholzer, Ana Gomes

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li proċedura tal-eżami ***fuq il-merti*** tiġi konkluża kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, mingħajr	2. L-awtorità determinanti għandha tiżgura li proċedura tal-eżami tiġi konkluża kemm jista' jkun malajr u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-preżentazzjoni tal-applikazzjoni, mingħajr preġudizzju għal

preġudizzju għal eżami adegwat u sħiħ.	eżami adegwat u sħiħ.

Or. en

Emenda 1117
Ska Keller
f'isem il-Grupp Verts/ALE
Judith Sargentini

Proposta għal regolament
Artikolu 34 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorità determinanti tista' testendi dak il-limitu ta' żmien ta' sitt xhur b'perjodu ta' mhux aktar minn tliet xhur fejn:	***imħassar***
(a) numru sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat japplikaw simultanjament għall-protezzjoni internazzjonali, bir-riżultat li jsir diffiċli fil-prattika li l-proċedura tiġi ffinalizzata fil-limitu ta' żmien ta' sitt xhur;	
(b) ikun hemm kwistjonijiet kumplessi ta' fatt jew liġi;	

Or. en